IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

MT



# Dokument tematiku

## Il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura mħaffa

Direttorat tar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni

curia.europa.eu

# Daħla

Sabiex jingħata trattament iktar mgħaġġel lill-kawżi li jeħtiġuh, l-Artikolu 23a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [1] jipprovdi:

“Ir-Regoli tal-Proċedura jistgħu jipprovdu għal proċedura mħaffa u, fir-rigward ta’ rinviji preliminari li jirrigwardaw l-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, għal proċedura b’urġenza.

Dawn il-proċeduri jistgħu jipprovdu, fir-rigward tal-preżentata ta’ noti jew ta’ osservazzjonijiet bil-miktub, għal terminu iqsar minn dak previst mill-Artikolu 23, u, b’deroga mir-raba’ subparagrafu tal-Artikolu 20, li ma jiġux ippreżentati konklużjonijiet mill-Avukat Ġenerali.

Il-proċedura b’urġenza tista’ wkoll tipprovdi għal-limitazzjoni tal-partijiet u ta’ dawk l-oħrajn interessati msemmija fl-Artikolu 23, awtorizzati li jippreżentaw noti jew osservazzjonijiet bil-miktub, u, f’każijiet ta’ urġenza estrema, għad-dispensa mill-fażi bil-miktub tal-proċedura.”

Fir-rigward tal-proċedura mħaffa, din ilha teżisti sa mill-2000 u llum il-ġurnata hija rregolata, minn naħa, mill-Artikoli 105 *et seq.* tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja [2], sa fejn huma kkonċernati r-rinviji għal deċiżjoni preliminari, u, min-naħa l-oħra, mill-Artikoli 133 *et seq.* tal-imsemmija Regoli, sa fejn huma kkonċernati r-rikorsi diretti [3]. Fil-fatt, il-proċedura mħaffa tista’ tiġi applikata irrispettivament mit-tip ta’ proċedura, kemm-il darba n-natura tal-kawża teżiġi li tiġi ttrattata fi żmien qasir [4].

It-talba sabiex kawża tiġi suġġetta għall-proċedura mħaffa għandha titressaq mill-qorti tar-rinviju, fil-każ ta’ rinviju għal deċiżjoni preliminari, u mir-rikorrent jew mill-konvenut, fil-każ ta’ rikors dirett. Id-deċiżjoni tittieħed mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, wara li jinstemgħu l-Imħallef Relatur, l-Avukat Ġenerali u, jekk ikun il-każ, il-parti l-oħra fil-proċedura. F’każijiet eċċezzjonali, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja jista’ anki jiddeċiedi li japplika l-proċedura mħaffa *ex officio*. Id-deċiżjoni dwar jekk tintlaqax jew le t-talba għall-proċedura mħaffa tittieħed fil-forma ta’ digriet mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, bejn Jannar 2019 u Ġunju 2023, fl-assenza ta’ deċiżjoni meħuda permezz ta’ digriet, ir-raġunijiet għad-deċiżjoni li tilqa’ jew li tiċħad din it-talba kienu jingħataw biss fid-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza.

---

[1] Verżjoni kkonsolidata tal-Protokoll (Nru 3) dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattati, kif emendat.

[2] Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-25 ta’ Settembru 2012 (ĠU 2012, L 265, p. 1, rettifika fil-ĠU L 2024/90475, 5.8.2024), kif emendati fit-18 ta’ Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 173, p. 65), fid-19 ta’ Lulju 2016 (ĠU 2016, L 217, p. 69), fid-9 ta’ April 2019 (ĠU 2019, L 111, p. 73, rettifika fil-ĠU L 2024/90476, 5.8.2024), fis-26 ta’ Novembru 2019 (ĠU 2019, L 316, p. 103, rettifika fil-ĠU L 2024/90477, 5.8.2024) u fit-2 ta’ Lulju 2024 (ĠU L 2024/2094, 12.8.2024).

[3] F’dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 151 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, tal-4 ta’ Marzu 2015 (ĠU 2015, L 105, p. 1) jipprevedi wkoll il-possibbiltà li kawża tinqata’ permezz ta’ proċedura mħaffa, “fid-dawl tal-urġenza partikolari u taċ-ċirkustanzi tal-kawża”.

[4] Fir-Regoli tal-Proċedura l-ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-espressjoni “f’qasir żmien” ħadet post “urġenza straordinarja” użata fir-Regoli tal-Proċedura l-antiki.

Min-naħa tagħha, il-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari hija iktar reċenti għaliex ġiet introdotta fl-2008 bħala reazzjoni għall-estensjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja. Fil-fatt, fid-dawl tan-natura partikolarment sensittiva ta’ dan il-qasam, deher li kien meħtieġ li tiġi introdotta proċedura derogatorja speċifika li tippermetti, fil-każ ta’ bżonn, il-protezzjoni tal-interessi involuti. B’hekk, għall-kuntrarju tal-proċedura mħaffa, li tista’ tiġi implimentata fl-oqsma kollha tad-dritt tal-Unjoni u f’kull tip ta’ proċedura, il-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari, li hija rregolata mill-Artikoli 107 *et seq.* tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija rriżervata għar-rinviji għal deċiżjoni preliminari li jqajmu kwistjonijiet marbuta mal-oqsma li jaqgħu taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Trattat FUE), dwar l-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja.

Id-deċiżjoni dwar jekk tintlaqax jew le t-talba tal-qorti tar-rinviju sabiex il-kawża tiġi suġġetta għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari tittieħed minn awla nnominata għal dan il-għan mill-Qorti tal-Ġustizzja u ma tkunx motivata. Madankollu, fil-każ li t-talba għal proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari tintlaqa’, il-Qorti tal-Ġustizzja, fid-deċiżjoni tagħha dwar il-mertu, ħafna drabi tippreżenta fil-qosor l-argumenti tal-qorti tar-rinviju li jkunu ġġustifikaw l-applikazzjoni ta’ din il-proċedura. Barra minn hekk, meta l-qorti tar-rinviju ma tressaqx talba għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari, iżda din il-proċedura tkun tidher li hija *prima facie* meħtieġa, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja jista’ jressaq dan il-punt quddiem l-awla kompetenti sabiex teżamina jekk ikunx meħtieġ li l-kawża tiġi suġġetta għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari, li f’dan il-każ tkun tista’ tiġi applikata *ex officio*.

Għandu jingħad ukoll li t-testi li jirregolaw il-proċedura mħaffa u l-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari ma jispeċifikawx fid-dettall iċ-ċirkustanzi li fihom għandhom japplikaw dawn il-proċeduri. F’dan ir-rigward, huwa biss ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE li jsemmi espliċitament sitwazzjoni li teħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi “mill-aktar fis possibbli”, jiġifieri meta titqajjem domanda preliminari f’kawża li tikkonċerna individwu miżmum taħt kustodja. Fl-assenza ta’ indikazzjonijiet supplimentari, dan il-fajl tematiku huwa intiż li jippreżenta kawżi rappreżentattivi tat-trattament proċedurali segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja li jixħtu dawl fuq ir-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari jew tal-proċedura mħaffa.

L-ewwel fajl tħejja fl-2019 u dan l-aġġornament huwa maħsub sabiex is-selezzjoni attwali ta’ deċiżjonijiet tiġi kkompletata bi 15-il deċiżjoni iktar reċenti, li 10 minnhom jikkonċernaw il-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari filwaqt li l-5 l-oħra jikkonċernaw il-proċedura mħaffa, li jipprovdu diversi preċiżazzjonijiet dwar l-applikazzjoni ta’ dawn iż-żewġ proċeduri.

# Lista tal-atti msemmija

## KONVENZJONI

Konvenzjoni li saret fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmata fi Brussell fis-26 ta' Lulju 1995 u annessa mal-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 8, p. 57).

## REGOLAMENTI

**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003** tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU 2013, L 82, p. 63).

**Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursuri tad-droga (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 46), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1258/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 (ĠU 2013, L 330, p. 21).

**Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU 2009, L 243, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 182, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 225, p. 91).

**Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tas- 26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50).

## DIRETTIVI

**Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE** tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 10).

**Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE** tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100).

**Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), kif emendata bid-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 262).

**Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE** tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224).

**Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE** tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272).

**Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

**Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU 2010, L 20, p. 7).

**Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

**Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).

**Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 96).

## DEĊIŻJONIJIET

**Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI** tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45).

**Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE** tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ĠU 2006, L 354, p. 56).

**Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2011/199/UE** tal-25 ta' Marzu 2011 li temenda l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta'

mekkaniżmu ta' stabbiltà għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (ĠU 2011, L 91, p. 1).

**Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/789** tat-18 ta' Mejju 2015 fir-rigward ta' miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-*Xylella fastidiosa* (Wells *et al*) (ĠU 2015, L 125, p. 36).

# Werrej


DAĦLA ..... 3

LISTA TAL-ATTI MSEMMIJA ..... 5

I. IL-PROĊEDURA B'URĠENZA GĦAL DEĊIŻJONI PRELIMINARI ..... 9

1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari ..... 9

2. Raġunijiet li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari ..... 11

2.1. Riskju ta' deterjorament fir-relazzjoni bejn ġenitur u wild ..... 11

2.2. Ċaħda tal-libertà ..... 17

2.3. Riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ..... 28

II. IL-PROĊEDURA MĦAFFA ..... 36

1. Ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa ..... 36

1.1. Natura u sensittività tal-qasam ta' interpretazzjoni li jkun is-suġġett tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari ..... 36

1.2. Gravità partikolari tal-inċertezza legali li tkun is-suġġett tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari ..... 37

1.3. Ċaħda tal-libertà tar-rikorrent ..... 45

1.4. Impatt fuq il-familja ..... 46

1.5. Riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ..... 48

1.6. Stat ta' bżonn materjali ..... 53

1.7. Riskju ta' ħsara ambjentali gravi ..... 54

1.8. Riskju ta' impunità f'numru kbir ta' kawżi ..... 56

2. Ir-relazzjoni bejn il-proċedura mħaffa fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u l-miżuri provviżorji adottati fi proċeduri għal miżuri provviżorji ..... 58

# I. Il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari

## 1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari

***Digriet tat-22 ta' Frar 2008, Kozłowski (C-66/08, EU:C:2008:116)*** [5]

*"Proċedura mħaffa"*

F'din il-kawża, imressqa fi Frar 2008, l-Oberlandesgericht Stuttgart (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Stuttgart, il-Ġermanja) talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tissuġġetta r-rinviju għal deċiżjoni preliminari għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari minħabba li d-detenzjoni tar-rikorrent fil-kawża prinċipali fit-territorju Ġermaniż kienet waslet biex tiskadi u minħabba li, barra minn hekk, dan seta' jikseb il-ħelsien antiċipat tiegħu.

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja osserva li l-artikoli tar-Regoli tal-Proċedura li jipprevedu l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, li l-qorti tar-rinviju talbet l-applikazzjoni antiċipata tagħhom, ma kellhomx jidħlu fis-seħħ qabel l-1 ta' Marzu 2008. B'hekk, sa fejn kienet tressqet qabel din id-data, din il-kawża ma setgħetx tkun is-suġġett ta' proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. Madankollu, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li, fid-dawl tal-ispirtu ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, it-talba għal proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari kellha tiġi interpretata bħala talba intiża li jitnaqqas sostanzjalment it-tul tat-trattament ta' din il-kawża u kellha titqies bħala talba għal proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari [6].

***Digriet tas-6 ta' Mejju 2014, G. (C-181/14, EU:C:2014:740)***

*"Proċedura mħaffa"*

Din il-kawża kienet tikkonċerna proċedura kriminali miftuħa fil-Ġermanja kontra individwu li kien biegħ taħlita ta' ħxejjex li kienet tinkludi kannabinojdi sintetiċi. Fid-data tal-fatti (bejn l-2010 u l-2011), dawn is-sustanzi ma kinux jaqgħu taħt il-Liġi Ġermaniża dwar is-Sustanzi Stupefaċenti [7], b'tali mod li l-Landgericht Itzehoe (il-Qorti Reġjonali ta' Itzehoe, il-Ġermanja) kienet applikat il-Liġi dwar il-Kummerċ ta' Prodotti Mediċinali [8], li tittrasponi d-Direttiva 2001/83 [9]. B'hekk, il-qorti tar-rinviju qieset li l-bejgħ ta' dawn il-prodotti kien jikkostitwixxi r-reat ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali dubjużi u, għaldaqstant, kienet ikkundannat lill-individwu kkonċernat għal piena ta' priġunerija.

---

[5] Ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008 (Awla Manja), Kozłowski (C-66/08, EU:C:2008:437).

[6] Ara, iktar 'il quddiem, fil-Parti II ta' dan id-dokument, intitolata "Il-proċedura mħaffa", il-punt "1.1. In-natura u s-sensittività tal-qasam ta' interpretazzjoni li jkun is-suġġett tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari".

[7] Betäubungsmittelgesetz (il-Liġi dwar is-Sustanzi Stupefaċenti).

[8] Gesetz zur Änderung arzneimittelrechtlicher und anderer Vorschriften (il-Liġi dwar il-Kummerċ tal-Prodotti Mediċinali), tas-17 ta' Lulju 2009 (BGBl. 2009 I, p. 1990).

[9] Direttiva 2001/83/KE.

Adita b'appell għal reviżjoni, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) qieset li s-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tiddependi mill-kwistjoni ta' jekk il-prodotti kontenzjużi setgħux effettivament jiġu kklassifikati bħala "prodotti mediċinali", fis-sens tad-Direttiva 2001/83. Hija għalhekk għamlet domanda f'dan is-sens lill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, hija talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, filwaqt li indikat li, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li dawn il-prodotti ma kinux prodotti mediċinali, ma jkunx jista' jingħad li l-individwu kkonċernat kien responsabbli kriminalment u għalhekk kien ikun qiegħed jinżamm taħt arrest indebitament.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma kienx hemm lok li tiġi applikata l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari għar-raġuni li d-Direttiva 2001/83 kienet ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 95 KE, li sar l-Artikolu 114 TFUE, li jaqa' taħt it-Titolu VII tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE. Issa, il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari hija rriżervata biss għar-rinviji għal deċiżjoni preliminari li jqajmu kwistjoni waħda jew iktar li jikkonċernaw l-oqsma li jaqgħu taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE. Madankollu, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li jissuġġetta *ex officio* din il-kawża għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari [10].

***Digriet tal-1 ta' Diċembru 2023, EV (Prekursuri tad-droga) (C-174/22, EU:C:2023:947)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Prekursuri tad-droga – Deċiżjoni Qafas 2004/757/ĠAI – Artikolu 2(1)(d) – Persuna involuta fit-trasport u fid-distribuzzjoni ta' prekursuri użati għall-produzzjoni jew għall-manifattura illegali ta' droga – Regolament (KE) Nru 273/2004 – Sustanzi skedati – Artikolu 2 – Kunċett ta' 'operatur' – Artikolu 8(1) – Elementi li jissuġġerixxu li sustanzi skedati setgħu inbidlitilhom ir-rotta għall-manifattura illegali ta' narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi – Obbligu ta' notifika ta' dawn l-elementi – Kunċett ta' 'element' – Portata"*

Fl-2018, waqt kontroll mill-pulizija ta' Varna (il-Bulgarija), EV instab li kellu fil-pussess tiegħu, fost affarijiet oħra, kwantità ta' toluwen, sustanza li tintuża għall-manifattura tal-metamfetamina. Sussegwentement, l-Okrazhen sad-Varna (il-Qorti Reġjonali ta' Varna, il-Bulgarija) iddikjarat lil EV ħati tar-reat ta' żamma mingħajr awtorizzazzjoni adegwata, bil-għan tad-distribuzzjoni tagħhom, ta' prekursuri tad-droga, u kkundannatu għal sentejn priġunerija kif ukoll għal multa ta' BGN 20 000 (madwar EUR 10 200). EV appella fil-kassazzjoni quddiem il-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, il-Bulgarija), filwaqt li sostna b'mod partikolari li l-att li bih kien akkużat ma setax jikkostitwixxi dan ir-reat. B'mod partikolari, huwa sostna li t-toluwen kien sustanza li kienet taqa' taħt il-kategorija 3 tal-Anness I tar-Regolament Nru 273/2004 u li ż-żamma tat-toluwen la kienet suġġetta għall-kisba ta' awtorizzazzjoni u lanqas għar-reġistrazzjoni.

[10] Ara, iktar 'il quddiem, fil-Parti II ta' dan id-dokument, intitolata "Il-proċedura mħaffa", il-punt "1.2. Il-gravità partikolari tal-inċertezza legali li tkun is-suġġett tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari".

F'dan il-kuntest, peress li kellha dubji dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 273/2004, il-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-kassazzjoni) iddeċidiet li tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, hija talbet l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

Bħalma għamlet fil-kawża G. (C-181/14, EU:C:2014:740), imsemmija iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet din it-talba għar-raġuni li r-Regolament Nru 273/2004, li l-interpetazzjoni tiegħu kienet intalbet f'din il-kawża, jaqa' taħt it-Titolu VII tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE filwaqt li l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari hija rriżervata biss għar-rinviji għal deċiżjoni preliminari li jqajmu kwistjoni waħda jew iktar li jikkonċernaw l-oqsma koperti mit-Titolu V ta' din it-Tielet Parti, dwar l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

## 2. Raġunijiet li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari

### 2.1. Riskju ta' deterjorament fir-relazzjoni bejn ġenitur u wild

***Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Aguirre Zarraga (C-491/10 PPU, EU:C:2010:828)***

*"Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri – Responsabbiltà tal-ġenituri – Dritt ta' kustodja – Ħtif ta' minuri – Artikolu 42 – Eżekuzzjoni ta' sentenza ċċertifikata li tordna r-ritorn ta' minuri mogħtija minn qorti li għandha ġurisdizzjoni (Spanjola) – Ġurisdizzjoni tal-qorti rikjesta (Ġermaniża) biex tirrifjuta l-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza f'każ ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-minuri"*

F'din il-kawża, ċittadin Spanjol u ċittadina Ġermaniża, ġenituri ta' tifla ta' età żgħira, kienu bdew proċedura ta' divorzju fi Spanja, fejn il-familja kellha r-residenza abitwali tagħha. F'dan il-kuntest, id-dritt ta' kustodja esklużiva tat-tifla tagħhom ingħata provviżorjament lill-missier, li kien jidher li kien fl-aħjar pożizzjoni sabiex jiżgura ż-żamma tal-ambjent familjari tal-minuri, filwaqt li l-omm kienet esprimiet ir-rieda tagħha li tmur toqgħod il-Ġermanja flimkien mas-sieħeb il-ġdid tagħha. Madankollu, wara li għaddiet is-sajf fir-residenza l-ġdida ta' ommha, fil-Ġermanja, it-tifla ma reġgħetx marret lura Spanja. Għaldaqstant, infetħu diversi proċeduri mill-ġenituri, kemm fi Spanja u kemm fil-Ġermanja, dwar, rispettivament, ir-ritorn tal-minuri lejn Spanja, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet Spanjoli fil-Ġermanja u l-għoti definittiv tad-dritt ta' kustodja.

F'dan il-kuntest, l-Oberlandesgericht Celle (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Celle, il-Ġermanja) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 42, intitolat "Ir-ritorn ta' l-minuri", tar-Regolament Nru 2201/2003 [11].

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tissuġġetta *ex officio* dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. F'dan ir-rigward, hija fakkret li hija tirrikonoxxi l-urġenza li biha għandha tingħata deċiżjoni fis-sitwazzjonijiet fejn ikun involut iċ-ċaqliq ta' minuri, b'mod partikolari meta jkun hemm ir-riskju li s-separazzjoni ta' minuri mill-ġenitur li lilu jkun diġà ngħata d-dritt ta' kustodja, anki jekk provviżorjament, twassal għal deterjorament jew ħsara fir-relazzjonijiet bejniethom u għal dannu psikoloġiku. Filwaqt li applikat din il-ġurisprudenza għall-każ ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-minuri kkonċernata kienet ilha sseparata minn ma' missierha għal iktar minn sentejn u li, minħabba d-distanza u r-relazzjonijiet diffiċli bejn il-ġenituri, kien hemm riskju serju u konkret ta' assenza totali ta' kuntatt mal-missier matul it-tul tal-proċedura quddiem il-qorti tar-rinviju. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-użu tal-proċedura ordinarja seta' jikkawża ħsara serja, jekk mhux ukoll irreparabbli, għar-relazzjonijiet bejn il-missier u bintu, u seta' jkompli jikkomprometti wkoll l-integrazzjoni tagħha fl-ambjent familjari u soċjali tagħha fil-każ ta' ritorn eventwali fi Spanja.

***Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Mercredi (C-497/10 PPU, EU:C:2010:829)***

*"Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri – Wild ta' ġenituri mhux miżżewġin – Kunċett ta' 'residenza abitwali' ta' tarbija – Kunċett ta' 'dritt ta' kustodja'"*

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn ċittadin Brittaniku u ċittadina Franċiża, kienet tikkonċerna l-kustodja tat-tifla tagħhom. F'dan il-każ, meta t-tifla kellha inqas minn xahrejn, l-omm u t-tifla kienu telqu mir-Renju Unit, fejn kellha r-residenza abitwali tagħha t-tifla, u marru fil-gżira ta' Réunion (Franza), mingħajr ma informaw bil-quddiem lill-missier. Dan iċ-ċaqliq, madankollu, kien legali, sa fejn dak iż-żmien l-omm kellha kustodja esklużiva. Sussegwentement, infetħu proċeduri mill-ġenituri, fir-Renju Unit u fi Franza, sabiex, b'mod partikolari, tiġi attribwita r-responsabbiltà tal-ġenituri u sabiex tiġi ffissata r-residenza abitwali tal-minuri. F'dan ir-rigward, filwaqt li qorti Franċiża kienet iddeċidiet dawn il-punti favur l-omm, il-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) (il-Qorti tal-Appell (Ingilterra u Wales) (Sezzjoni Ċivili), ir-Renju Unit) qieset, min-naħa tagħha, li kien meħtieġ li tiġi identifikata l-qorti li għandha ġurisdizzjoni skont id-dritt tal-Unjoni. Dan kien jeħtieġ kjarifika, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tal-kriterji previsti fl-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, li jippermettu li tiġi ddeterminata r-residenza abitwali tal-minuri.

[11] Regolament (KE) Nru 2201/2003.

Għaldaqstant, dik il-qorti għamlet talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja u talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. Insostenn ta' din it-talba, hija indikat li, sakemm ma tiġix identifikata l-qorti li għandha ġurisdizzjoni, it-talbiet imressqa mill-missier sabiex jikseb deċiżjoni li tippermettilu jrawwem relazzjonijiet mat-tifla tiegħu ma setgħux jiġu ttrattati. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tapplika l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari filwaqt li enfasizzat li din il-kawża kienet tikkonċerna minuri ta' inqas minn sena u erba' xhur li kienet ilha sseparata minn ma' missierha għal iktar minn sena. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, peress li l-minuri kienet tinsab f'età delikata għall-iżvilupp tagħha, l-estensjoni ta' din is-sitwazzjoni, ikkaratterizzata barra minn hekk mid-distanza kbira bejn ir-residenza tal-missier u dik tal-minuri, setgħet tkun ta' ħsara kbira għar-relazzjoni futura tagħhom.

***Sentenza tas-26 ta' April 2012, Health Service Executive (C-92/12 PPU, EU:C:2012:255)***

*"Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Minuri abitwalment residenti fl-Irlanda fejn kien repetutament is-suġġett ta' tqegħid – Aġir aggressiv u perikoluż għall-minuri stess – Deċiżjoni li l-minuri jitqiegħed f'istituzzjoni taħt sigurtà fl-Ingilterra – Kamp ta' applikazzjoni ratione materiae tar-Regolament – Artikolu 56 – Regoli ddettaljati dwar il-konsultazzjoni u l-kunsens – Obbligu li tiġi rrikonoxxuta jew iddikjarata eżegwibbli d-deċiżjoni li l-minuri jitqiegħed f'istituzzjoni taħt sigurtà – Miżuri provviżorji – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari"*

F'din il-kawża, l-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja, l-Irlanda), adita mill-awtorità responsabbli għall-minuri li jkunu taħt il-kustodja tal-Istat fl-Irlanda, kienet ordnat it-tqegħid ta' minuri, ta' nazzjonalità Irlandiża, f'istituzzjoni taħt sigurtà fir-Renju Unit, il-pajjiż fejn kienet tirrisjedi omm il-minuri. Fil-fatt, il-professjonisti fil-qasam tas-saħħa kienu qiesu li fl-Irlanda ma kien hemm ebda istituzzjoni li setgħet tindirizza l-ħtiġijiet partikolari ta' dan il-minuri f'termini ta' protezzjoni.

L-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja), li kellha tagħti deċiżjoni dwar iż-żamma tat-tqegħid tal-minuri fl-istituzzjoni kkonċernata, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk id-deċiżjoni adottata minnha kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 u jekk din id-deċiżjoni kellhiex, qabel tiġi eżegwita fl-Istat Membru rikjest, tiġi rrikonoxxuta u ddikjarata eżegwibbli f'dan l-Istat Membru.

Dik il-qorti talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, talba li ntlaqgħet mill-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju osservat, minn naħa, li l-minuri kien miżmum, kontra r-rieda tiegħu u għal finijiet ta' protezzjoni, f'istituzzjoni taħt sigurtà. Min-naħa l-oħra, hija enfasizzat li l-ġurisdizzjoni tagħha kienet tiddependi mill-applikabbiltà tar-Regolament Nru 2201/2003 għall-proċedura fil-kawża prinċipali u, għaldaqstant, mir-risposta għad-domandi preliminari magħmula. Barra

minn hekk, wara talba għal kjarifiki magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja [12], il-qorti tar-rinviju indikat li s-sitwazzjoni tal-minuri kienet teħtieġ ukoll miżuri urġenti. Fil-fatt, il-minuri kien wasal sabiex isir maġġorenni u, f'dik id-data, ma kienx ser jibqa' jaqa' taħt il-kompetenza tal-qorti tar-rinviju. Barra minn hekk, l-istat tiegħu kien jeħtieġ li jitqiegħed f'istituzzjoni taħt sigurtà, għal perijodu qasir, u li jiġi implimentat programm ta' libertà limitata u gradwali sabiex jitqiegħed mal-familja tiegħu fl-Ingilterra.

***Digriet tal-10 ta' April 2018, CV (C-85/18 PPU, EU:C:2018:220)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – Kustodja tal-wild – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Artikoli 8, 10 u 13 – Kunċett ta' 'residenza abitwali' tal-wild – Deċiżjoni mogħtija mill-qorti ta' Stat Membru ieħor dwar il-post ta' residenza tal-wild – Tneħħija jew żamma illegali – Ġurisdizzjoni fil-każ ta' ħtif tal-wild"*

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn żewġ ċittadini Rumeni stabbiliti fil-Portugall, kienet tikkonċerna l-iffissar tal-post ta' residenza tal-wild tagħhom u ta' ħlas ta' manteniment. Wara s-separazzjoni tal-koppja u t-tluq tal-omm mir-residenza komuni, il-minuri baqa' jgħix mal-missier. Madankollu, wara li l-omm ressqet talba sabiex tikseb il-kustodja tal-minuri, il-missier telaq lejn ir-Rumanija flimkien mal-minuri. Il-qrati Rumeni, aditi mill-omm li, fil-frattemp, kienet ingħatat il-kustodja provviżorja, għalhekk ordnaw ir-ritorn tal-minuri fil-Portugall, minħabba n-natura illegali taċ-ċaqliq tiegħu. Minkejja dan, il-missier kien ippreżenta wkoll, quddiem il-Judecătoria Oradea (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Oradea, ir-Rumanija), rikors sabiex ir-residenza tal-minuri tiġi stabbilita fir-residenza tiegħu, fir-Rumanija, u sabiex l-omm tiġi kkundannata tħallas manteniment.

Din il-qorti tal-aħħar osservat li hija kellha, qabel kollox, tagħti deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni mqajma mill-omm f'din il-proċedura u li, f'dan il-kuntest, kien meħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika l-kunċett ta' "residenza abitwali", li jinsab fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 2201/2003.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tissuġġetta *ex officio* dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. F'dan ir-rigward, hija fakkret li hija tirrikonoxxi l-urġenza li biha għandha tingħata deċiżjoni fis-sitwazzjonijiet ta' ċaqliq ta' minuri, b'mod partikolari meta jkun hemm ir-riskju li s-separazzjoni ta' minuri u ta' ġenitur twassal għal deterjorament fir-relazzjonijiet preżenti jew futuri tagħhom u tikkawża dannu irreparabbli. Filwaqt li applikat din il-ġurisprudenza għall-każ ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-minuri, ta' seba' snin, kien ilu kważi sentejn jgħix ma' missieru fir-Rumanija u kien jinsab isseparat minn ma' ommu li kienet tgħix fil-Portugall, li magħha kellu biss kuntatt bit-telefon darba fix-xahar. Skont il-Qorti tal-

[12] Talba bbażata fuq l-Artikolu 104(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja (li, wara l-25 ta' Settembru 2012, sar l-Artikolu 101(1) ta' dawn ir-Regoli).

Ġustizzja, f'dawn iċ-ċirkustanzi u fid-dawl tal-fatt li l-minuri kien jinsab f'età delikata għall-iżvilupp tiegħu, l-estensjoni tas-sitwazzjoni setgħet tikkawża ħsara gravi, jekk mhux ukoll irreparabbli, għar-relazzjoni tiegħu ma' ommu. Barra minn hekk, peress li l-integrazzjoni soċjali u familjari tiegħu kienet diġà fi stadju pjuttost avvanzat fl-Istat Membru tar-residenza attwali tiegħu, l-estensjoni ta' din is-sitwazzjoni setgħet tkompli tikkomprometti l-integrazzjoni tiegħu fil-każ ta' ritorn eventwali fil-Portugall.

***Sentenza tal-24 ta' Marzu 2021, MCP (C-603/20 PPU, [EU:C:2021:231](EU:C:2021:231))***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Artikolu 10 – Ġurisdizzjoni fil-qasam ta' responsabbiltà tal-ġenituri – Ħtif ta' wild – Ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru – Portata territorjali – Tneħħija ta' wild fi Stat terz – Residenza abitwali miksuba f'dan l-Istat terz"*

It-tilwima fil-kawża prinċipali fir-Renju Unit, bejn il-missier ta' minuri u omm din il-minuri li kienet ħaditha l-Indja fejn il-minuri kienet tgħix man-nanna materna tagħha, kienet tikkonċerna r-ritorn tal-minuri fir-Renju Unit u d-dritt ta' żjara tal-missier.

L-omm kienet qiegħda tikkontesta quddiem il-High Court of Justice (England & Wales), Family Division (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja (Ingilterra u Wales), Sezzjoni tal-Familja, ir-Renju Unit) il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Ingilterra u ta' Wales, li kellhom jagħtu deċiżjoni dwar it-talba tal-missier, għar-raġuni li l-minuri ma kienx għad kellha r-residenza abitwali tagħha fir-Renju Unit. Dik il-qorti qieset li l-ġurisdizzjoni tagħha kellha tiġi evalwata abbażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003 [13]. Hija għalhekk staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk dan l-artikolu kellux jiġi interpretat fis-sens li, meta minuri jkun kiseb ir-residenza abitwali tiegħu fi Stat terz wara li jkun ittieħed f'dan l-Istat, il-qrati tal-Istat Membru li fih il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu immedjatament qabel it-tneħħija tiegħu jżommux il-ġurisdizzjoni tagħhom mingħajr limitu *ratione temporis*.

Il-qorti tar-rinviju talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, talba li ntlaqgħet mill-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fir-rigward tal-kriterju dwar l-urġenza, peress li l-minuri kienet ilha minn Ottubru 2018, ħlief għal soġġorn qasir fir-Renju Unit, tgħix b'mod permanenti fl-Indja, kien hemm riskju li l-estensjoni ta' din is-sitwazzjoni toħloq ħsara gravi, jekk mhux irrimedjabbli, għar-relazzjoni bejn il-minuri u l-missier, kif ukoll bejn il-minuri u ż-żewġ ġenituri tagħha. Din is-sitwazzjoni setgħet tikkawża dannu irreparabbli għall-iżvilupp emotiv u psikoloġiku ġenerali tal-minuri fid-dawl, b'mod partikolari, tal-fatt li l-minuri kienet tinsab f'età sensittiva għall-iżvilupp tagħha. Barra minn hekk, l-integrazzjoni familjali u soċjali tal-minuri kienet diġà fi stat avvanzat fl-Istat terz fejn kellha, skont il-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, ir-residenza abitwali attwali tagħha, u għalhekk l-

[13] Regolament (KE) Nru 2201/2003.

estensjoni ta' din is-sitwazzjoni setgħet tkompli tikkomprometti l-integrazzjoni tal-minuri fl-ambjent familjali u soċjali tagħha fil-każ tal-eventwali ritorn tagħha fir-Renju Unit.

***Sentenza tat-18 ta' April 2023, Afrin (C-1/23 PPU, EU:C:2023:296)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Politika tal-immigrazzjoni – Direttiva 2003/86/KE – Dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja – Artikolu 5(1) – Preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal dħul u għal residenza għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja – Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi l-obbligu għall-membri tal-familja tal-isponsor li jippreżentaw l-applikazzjoni personalment quddiem ir-rappreżentanza diplomatika kompetenti ta' dan l-Istat Membru – Impossibbiltà jew diffikultà eċċessiva li persuna tmur quddiem l-imsemmija rappreżentanza – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 7 u 24"*

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn, minn naħa, ċittadini Sirjani u wliedhom minuri u, min-naħa l-oħra, l-Istat Belġjan, kienet tirrigwarda r-rifjut, minn dan tal-aħħar, li jirreġistra l-applikazzjoni għal dħul u għal residenza, taħt ir-riunifikazzjoni tal-familja, ippreżentata mill-omm kif ukoll mill-ulied.

F'dan il-kuntest, it-tribunal de première instance francophone de Brussell (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brussell bil-lingwa Franċiża, il-Belġju) kellha tiddetermina jekk dan ir-rifjut kienx jikkomprometti l-effett utli tad-Direttiva 2003/86 dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja [14] jew jekk kienx jikser id-drittijiet fundamentali [15] li din id-direttiva hija intiża li tipproteġi.

Il-qorti tar-rinviju talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. Insostenn tat-talba tagħha, hija invokat raġunijiet marbuta mas-sitwazzjoni tas-sigurtà fis-Sirja kif ukoll il-fatt li deċiżjoni tardiva dwar ir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għal dħul u għal residenza taħt ir-riunifikazzjoni tal-familja setgħet tagħmel din ir-riunifikazzjoni iktar diffiċli sa fejn id-dritt Belġjan kien jipprevedi rekwiżiti iktar stretti meta l-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja tiġi ppreżentata wara li tkun għaddiet sena mir-rikonoxximent tal-istatus tal-isponsor bħala refuġjat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li applikat b'analoġija l-ġurisprudenza tagħha dwar it-tneħħija ta' minuri, irrilevat li, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-urġenza, mid-deċiżjoni tar-rinviju kien jirriżulta b'mod partikolari li l-ulied minuri A u B kienu ilhom isseparati minn missierhom għal iktar minn tliet snin u li l-estensjoni ta' din is-sitwazzjoni, li kienet tirriżulta mill-assenza ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni ppreżentata f'Settembru 2022, setgħet tippreġudika b'mod serju r-relazzjoni futura ta' dawn l-ulied ma' missierhom.

[14] Direttiva 2003/86/KE.

[15] F'dan is-sens, kienu kkonċernati d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, iggarantit fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), id-dritt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi superjuri tal-wild, kif ukoll dak, għal dan il-wild, li jkollu regolarment relazzjoni personali maż-żewġ ġenituri tiegħu, stabbiliti fl-Artikolu 24 tagħha.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet it-talba għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

## 2.2. Ċaħda tal-libertà

***Sentenza tat-30 ta' Novembru 2009 (Awla Manja), Kadzoev (C-357/09 PPU, EU:C:2009:741)***

*"Viżi, ażil, immigrazzjoni u politiki oħra relatati mal-moviment liberu tal-persuni – Direttiva 2008/115/KE – Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment – Artikolu 15(4) sa (6) – Perijodu ta' detenzjoni – Teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodu li matulu kienet sospiża l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' tneħħija – Kunċett ta' 'prospett raġonevoli ta' tneħħija'"*

Individwu, mingħajr dokumenti ta' identità u li kien qiegħed jgħid li kien imwieled fiċ-Ċeċenja, twaqqaf mill-awtoritajiet Bulgari u tqiegħed taħt detenzjoni, f'ċentru speċjali fejn jinżammu temporanjament persuni barranin, fl-istennija tal-eżekuzzjoni tal-miżura ta' deportazzjoni lejn il-fruntiera meħuda kontra tiegħu. Madankollu, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' din il-miżura, kien meħtieġ li jinġabru d-dokumenti li jippermettulu jivvjaġġa barra mill-pajjiż. Issa, tliet snin iktar tard, dawn id-dokumenti kienu għadhom ma nkisbux. Barra minn hekk, l-individwu kkonċernat kien ippreżenta applikazzjonijiet għall-ażil, kif ukoll talbiet sabiex il-miżura ta' detenzjoni tiġi ssostitwita b'miżura inqas restrittiva, applikazzjonijiet u talbiet li ġew miċħuda kollha.

F'dan il-kuntest, id-Direttur tal-amministrazzjoni responsabbli għall-imsemmi ċentru ta' detenzjoni kien ressaq il-każ quddiem l-Administrativen sad Sofia-grad (il-Qorti Amministrattiva ta' Sofia, il-Bulgarija), sabiex tieħu deċiżjoni *ex officio* dwar il-passi li kellhom jittieħdu fir-rigward ta' din id-detenzjoni. Dik il-qorti osservat, minn naħa, li, qabel l-emenda tal-Liġi Bulgara dwar il-Barranin [16], għall-finijiet tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/115 [17], it-tul tad-detenzjoni f'ċentru ta' detenzjoni temporanja ma kien suġġett għal ebda limitu. Min-naħa l-oħra, hija kkonstatat li ma kienet prevista ebda regola tranżitorja għas-sitwazzjonijiet li fihom kienet ittieħdet deċiżjoni ta' detenzjoni qabel din l-emenda. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(4) sa (6) tad-Direttiva 2008/115.

Il-qorti tar-rinviju talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, filwaqt li indikat li din il-kawża kienet tqajjem il-kwistjoni ta' jekk kienx hemm lok li l-individwu kkonċernat jinżamm taħt detenzjoni jew jekk kienx hemm lok li jinħeles. F'dan ir-rigward, għalkemm kien aċċettat li, fir-rigward ta' dan l-individwu, ma kienx hemm "prospett raġonevoli ta' tneħħija", fis-sens tal-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2008/115, seta' jkun hemm lok li jiġi ordnat, konformement ma' din id-

[16] Zakon za chuzhdentsite v Republika Balgaria (il-Liġi dwar il-Barranin fir-Repubblika tal-Bulgarija) (DV Nru 153, tal-1998), kif emendata fil-15 ta' Mejju 2009 (DV Nru 36, tal-2009).

[17] Direttiva 2008/115/KE.

dispożizzjoni, il-ħelsien immedjat tiegħu. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tilqa' t-talba għal proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

***Sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Mirza (C-695/15 PPU, EU:C:2016:188)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Artikolu 3(3) – Dritt tal-Istati Membri li jibagħtu applikant lejn pajjiż terz sigur – Artikolu 18 – Obbligi tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni f'każ ta' teħid lura tal-applikant – Direttiva 2013/32/UE – Proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali"*

Ċittadin Pakistani kien daħal fit-territorju Ungeriż mis-Serbja u kien ippreżenta fl-Ungerija applikazzjoni inizjali għal protezzjoni internazzjonali. Madankollu, dan iċ-ċittadin telaq mill-post ta' residenza assenjat lilu mill-awtoritajiet Ungeriżi u għalhekk l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu ngħalaq għar-raġuni li dan iċ-ċittadin kien impliċitament irtira din l-applikazzjoni. Sussegwentement, huwa twaqqaf fir-Repubblika Ċeka u, fuq talba tal-awtoritajiet Ċeki, l-Ungerija reġgħet ħadet responsabbiltà għalih taħt il-proċedura prevista fir-Regolament Nru 604/2013 [18] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Dublin III"). L-individwu kkonċernat għalhekk ippreżenta t-tieni applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-Ungerija u tqiegħed taħt detenzjoni fil-kuntest tal-proċedura tal-eżami ta' din l-applikazzjoni. Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda bħala inammissibbli għar-raġuni li, f'dan il-każ, is-Serbja kellha titqies li kienet pajjiż terz sigur. Ġew għalhekk ordnati miżuri ta' ritorn u ta' tneħħija kontra dan iċ-ċittadin.

F'dan il-kuntest, id-Debreceni közigazgatási és munkaügyi bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Debrecen, l-Ungerija), adita b'rikors kontra d-deċiżjoni li tiċħad it-tieni applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, iddeċidiet li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar il-kundizzjonijiet li fihom Stat Membru jista' jqis li jibgħat applikant lejn pajjiż terz sigur, konformement mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament Dublin III, mingħajr ma jwettaq analiżi tal-applikazzjoni tiegħu fuq il-mertu tagħha.

Dik il-qorti talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, filwaqt li enfasizzat li l-individwu kkonċernat kien is-suġġett, fid-data tal-1 ta' Jannar 2016, ta' miżura ta' detenzjoni. Barra minn hekk, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju indikat li din il-miżura kienet ġiet ipprorogata sad-data ta' deċiżjoni definittiva dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tal-individwu kkonċernat jew, fl-assenza ta' tali deċiżjoni sal-1 ta' Marzu 2016, sa din id-data tal-aħħar. Madankollu, dejjem skont il-qorti tar-rinviju, wara l-1 ta' Marzu 2016, il-miżura ta' detenzjoni setgħet terġa' tiġi pprorogata għal perijodu ta' sittin jum, bla ħsara għal limitu ta' perijodu totali ta' detenzjoni ta' sitt xhur.

[18] Regolament (UE) Nru 604/2013.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza tagħha fis-sens li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-individwu kkonċernat jiġi mċaħħad mil-libertà u li ż-żamma tiegħu taħt detenzjoni tiddependi mill-eżitu tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Barra minn hekk, hija enfasizzat li s-sitwazzjoni ta' dan l-individwu għandha tiġi evalwata hekk kif tkun tinsab fid-data tal-eżami tat-talba sabiex ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. Filwaqt li applikat din il-ġurisprudenza għall-każ ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, f'dan il-każ, il-kriterji kienu ġew issodisfatti. Fil-fatt, iż-żamma taħt detenzjoni tal-individwu kkonċernat kienet tiddependi mill-eżitu tal-kawża prinċipali, li tikkonċerna l-legalità taċ-ċaħda tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant laqgħet it-talba għal proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

***Sentenza tal-1 ta' Ġunju 2016, Bob-Dogi (C-241/15, EU:C:2016:385)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Mandat ta' arrest Ewropew – Artikolu 8(1)(c) – Obbligu li fil-mandat ta' arrest Ewropew tiġi inkluża informazzjoni dwar l-eżistenza ta' 'mandat ta' arrest' – Assenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali preċedenti u distint mill-mandat ta' arrest Ewropew – Konsegwenza"*

Qorti Ungeriża kienet ħarġet mandat ta' arrest Ewropew fil-konfront ta' ċittadin Rumen bil-għan li jinfetħu proċeduri kriminali. B'hekk, l-individwu kkonċernat ġie arrestat fir-Rumanija u tressaq quddiem il-Curtea de Apel Cluj (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj, ir-Rumanija), li kellha tagħti deċiżjoni dwar l-eventwali detenzjoni provviżorja tiegħu u dwar il-konsenja tiegħu lill-awtoritajiet ġudizzjarji Ungeriżi. F'dan il-kuntest, l-imsemmija qorti ordnat il-ħelsien immedjat tiegħu suġġett, iżda, għal miżura ta' kontroll ġudizzjarju.

Dik il-qorti, peress li kellha dubju dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [19], u, b'mod iktar preċiż, dwar il-konsegwenzi tal-assenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali, maħruġ qabel u b'mod distint mill-mandat ta' arrest Ewropew, iddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Hija talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, filwaqt li enfasizzat li għalkemm f'dak il-mument l-individwu kkonċernat ma kienx jinsab arrestat, huwa kien xorta waħda s-suġġett ta' miżura ta' kontroll ġudizzjarju, li kienet tillimita l-libertà individwali tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'tali ċirkustanzi, ma kienx hemm lok li tintlaqa' din it-talba. Madankollu, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li l-kawża għandha tinqata' bi prijorità, b'applikazzjoni tal-Artikolu 53(3) tar-Regoli tal-Proċedura.

[19] Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24).

***Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018 (Awla Manja), Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 1(3) – Proċeduri ta' konsenja bejn Stati Membri – Kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 47 – Dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali"*

Wara li nħarġu diversi mandati ta' arrest Ewropej minn qrati Pollakki, l-individwu kkonċernat minn dawn il-mandati ġie arrestat fl-Irlanda u tqiegħed taħt detenzjoni, fl-istennija ta' deċiżjoni dwar il-konsenja tiegħu lill-imsemmija awtoritajiet ġudizzjarji. F'dan ir-rigward, huwa ressaq kawża quddiem l-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) u informa lil dik il-qorti li kien qiegħed joġġezzjona għall-konsenja tiegħu għar-raġuni li din il-konsenja kienet ser tesponih għal riskju reali ta' ċaħda tal-ġustizzja fid-dawl tar-riformi leġiżlattivi reċenti tas-sistema ġudizzjarja Pollakka.

F'dan il-kuntest, l-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja) kellha dubji dwar il-konsegwenzi ta' dawn ir-riformi leġiżlattivi, li wasslu lill-Kummissjoni tadotta, fl-20 ta' Diċembru 2017, proposta rraġunata li tistieden lill-Kunsill jikkonstata, fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1) TUE, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-Istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja [20]. Hija għalhekk għamlet diversi domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-pożizzjoni li jkollha tittieħed minn awtorità ta' eżekuzzjoni, taħt l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, fil-każ li jkun hemm riskju reali ta' ksur tad-dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fir-rigward tal-indipendenza tal-poter ġudizzjarju tal-Istat Membru emittenti.

Dik il-qorti talbet ukoll li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, talba li ntlaqgħet mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fir-rigward tal-kriterju marbut mal-urġenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza stabbilita tagħha f'dan il-qasam qabel ma applikatha għall-każ ineżami. F'dan ir-rigward, hija enfasizzat li l-individwu kkonċernat kien qiegħed jinżamm taħt detenzjoni u li din iż-żamma taħt detenzjoni kienet tiddependi mill-eżitu tal-kawża prinċipali, sa fejn il-miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà kienet ġiet ordnata fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej.

***Sentenza tat-12 ta' Frar 2019, TC (C-492/18 PPU, EU:C:2019:108)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Mandat ta' arrest Ewropew – Artikolu 12 – Żamma tal-persuna taħt detenzjoni – Artikolu 17 – Termini għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta'*

[20] Proposta rraġunata tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2017 ippreżentata skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar l-Istat tad-dritt fil-Polonja (COM(2017) 835 final).

*arrest Ewropew – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi s-sospensjoni ex officio tal-miżura ta' detenzjoni 90 jum wara l-arrest – Interpretazzjoni konformi – Sospensjoni tat-termini – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 6 – Dritt għal-libertà u għas-sigurtà – Interpretazzjonijiet diverġenti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali – Ċarezza u prevedibbiltà"*

Fuq il-bażi ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, ċittadin Brittaniku ġie arrestat fil-Pajjiżi l-Baxxi u mqiegħed taħt detenzjoni. Minn din id-data beda jiddekorri t-terminu ta' sittin jum, previst fl-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li fih kellha tittieħed id-deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew. Ftit żmien qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu, ir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) ordnat il-proroga ta' dan it-terminu bi tletin jum, konformement mal-Artikolu 17(4) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, kif ukoll iż-żamma tal-individwu kkonċernat taħt detenzjoni. Madankollu, sussegwentement, dik il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha, għal perijodu indeterminat, fl-istennija tar-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għat-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa fil-kawża RO (C-327/18 PPU) [21]. Fl-istess waqt, peress li kienu għaddew disgħin jum mill-arrest tiegħu, iċ-ċittadin Brittaniku talab is-sospensjoni tad-detenzjoni tiegħu.

F'dan il-kuntest, ir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam) kellha dubju dwar iż-żamma taħt detenzjoni tal-individwu kkonċernat, fid-dawl tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u tal-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li jipprevedi d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà. Fil-fatt, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni [22], tali individwu kellu jingħata l-libertà meta jkunu għaddew disgħin jum mill-arrest tiegħu. Madankollu, din il-leġiżlazzjoni ġiet interpretata fis-sens li kienet tippermetti żamma taħt detenzjoni meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun iddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew li tistenna r-risposta għal tali talba mressqa minn awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni oħra. Fil-fatt, f'dawn iż-żewġ każijiet, it-terminu ta' disgħin jum kellu għalhekk jitqies li kien sospiż.

Ir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam) talbet li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, filwaqt li sostniet li l-individwu kkonċernat kien qiegħed jinżamm taħt detenzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi fuq il-bażi biss tal-mandat ta' arrest Ewropew, u li ma setgħetx tittieħed deċiżjoni dwar it-talba għas-sospensjoni ta' din il-miżura qabel ma l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar l-imsemmi rinviju. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza stabbilita tagħha fis-sens li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-individwu kkonċernat ikun imċaħħad mil-libertà u li ż-żamma tiegħu taħt detenzjoni tiddependi mill-eżitu tat-tilwima fil-kawża prinċipali, u li s-sitwazzjoni ta' dan l-individwu għandha tiġi evalwata hekk kif tkun tinsab fid-data tal-eżami tat-talba sabiex ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. F'dan il-każ,

[21] Din it-talba tat lok għas-sentenza tad-19 ta' Settembru 2018, RO (C-327/18 PPU, EU:C:2018:733).
[22] Overleveringswet (il-Liġi dwar il-Konsenja) (Stb. 2004, no 195).

il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kriterji kienu ssodisfatti u għalhekk iddeċidiet li tapplika l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

Madankollu, sussegwentement, ir-rechtbank Amsterdam (il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam) informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li kienet ordnat is-sospensjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet, tal-miżura ta' detenzjoni inkwistjoni sal-għoti tad-deċiżjoni dwar il-konsenja tal-individwu kkonċernat lir-Renju Unit. Fil-fatt, skont il-kalkoli tagħha, it-terminu ta' disgħin jum kien skada, anki jekk jittieħed inkunsiderazzjoni l-perijodu li matulu dan it-terminu kien ġie sospiż. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma kienx għad hemm urġenza u li, għaldaqstant, ma kienx għad hemm lok li l-kawża titkompla skont il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

***Sentenza tal-24 ta' Settembru 2020, Generalbundesanwalt beim Bundesgerichtshof (Prinċipju ta' speċjalità) (C-195/20 PPU, EU:C:2020:749)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Effetti tal-konsenja – Artikolu 27 – Prosekuzzjoni eventwali għal ksur ieħor – Regola ta' speċjalità"*

L-individwu kkonċernat kien is-suġġett ta' prosekuzzjoni fil-Ġermanja fi tliet proċeduri kriminali distinti. L-ewwel nett, fl-2011, huwa kien ġie kkundannat minħabba t-traffikar ta' droga mill-Amtsgericht Niebüll (il-Qorti Distrettwali ta' Niebüll, il-Ġermanja) għal piena ta' priġunerija globali ta' sena u disa' xhur, iżda l-eżekuzzjoni ta' din il-piena kienet ġiet sospiża taħt ċerti kundizzjonijiet. It-tieni nett, matul is-sena 2016, infetħu proċeduri kriminali fil-Ġermanja kontra dan l-individwu fir-rigward ta' fatti kklassifikati bħala abbuż sesswali fuq minorenni mwettqa fil-Portugall u, peress li l-imsemmi individwu kien jinsab fil-Portugall, l-iStaatsanwaltschaft Hannover (il-Prosekutur ta' Hannover, il-Ġermanja) ħareġ mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' proċeduri kriminali għal dawn il-fatti. Abbażi ta' dan l-ewwel mandat ta' arrest Ewropew, l-individwu kkonċernat ġie kkonsenjat mill-awtoritajiet Portugiżi fit-territorju Ġermaniż, fejn skonta l-piena mogħtija għal abbuż sesswali fuq minuri. Mal-ħruġ tiegħu mill-ħabs, huwa tqiegħed taħt sorveljanza mis-servizzi soċjali u ġudizzjarji iżda ma ġiex ipprojbit milli jitlaq mit-territorju Ġermaniż. Sussegwentement, huwa mar l-ewwel fil-Pajjiżi l-Baxxi u mbagħad l-Italja.

Abbażi ta' mandat ta' arrest Ewropew ieħor maħruġ fl-2018 mill-awtoritajiet Ġermaniżi, huwa reġa' ġie kkonsenjat lilhom mill-awtoritajiet Taljani sabiex jiskonta l-piena li kien ġie kkundannat għaliha preċedentement minħabba t-traffikar ta' droga. L-imsemmija awtoritajiet aċċettaw ukoll li jirrinunzjaw għar-regola ta' speċjalità prevista fl-Artikolu 27(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u ppermettew it-tmexxija ta' prosekuzzjoni kontra l-individwu kkonċernat fil-Ġermanja anki fir-rigward ta' fatti ta' stupru aggravat u ta' estorsjoni mwettqa fil-Portugall qabel l-ewwel konsenja tiegħu. Għal dawn il-fatti, l-individwu kkonċernat kien suġġett għal miżura li ċċaħħdu mil-libertà b'rabta mas-sentenza ta' kundanna li huwa kien qiegħed jikkontesta quddiem il-qorti tar-rinviju.

Dik il-qorti xtaqet tkun taf, essenzjalment, x'kienu l-konsegwenzi ġuridiċi marbuta, minn naħa, mal-ħruġ volontarju mit-territorju tal-Istat Membru emittenti ta' persuna li kienet ġiet ikkonsenjata lil dan l-Istat abbażi ta' mandat ta' arrest Ewropew inizjali u, min-naħa l-oħra, mar-ritorn forzat ta' din il-persuna abbażi ta' mandat ta' arrest Ewropew ieħor.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju talbet l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, talba li ntlaqgħet mill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, minn naħa, li, għalkemm kien paċifiku li, fid-dawl tal-eżami tat-talba sabiex ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, l-individwu kien jinsab imċaħħad mil-libertà tiegħu abbażi ta' sentenza tal-Amtsgericht Niebüll (il-Qorti Distrettwali ta' Niebüll) mogħtija fl-2011, xorta kien jibqa' l-fatt li t-tieni mandat ta' arrest maħruġ mill-awtoritajiet Ġermaniżi fl-2018 seta' jiġġustifika wkoll id-detenzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, iż-żamma fis-seħħ ta' dan il-mandat setgħet twassal għal limitazzjoni fil-flessibbiltà tal-eżekuzzjoni tal-piena ta' priġunerija mogħtija kontrih, setgħet tinfluwenza d-deċiżjoni dwar is-sospensjoni taħt kundizzjonijiet ta' din il-piena u, fil-każ li tingħata din is-sospensjoni, setgħet issir l-unika bażi legali għaż-żamma tal-individwu kkonċernat taħt detenzjoni.

***Sentenza tat-13 ta' Jannar 2021, MM (C-414/20 PPU, [EU:C:2021:4](EU:C:2021:4))***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri – Artikolu 6(1) u Artikolu 8(1)(c) – Mandat ta' arrest Ewropew maħruġ abbażi ta' att nazzjonali ta' tqegħid taħt investigazzjoni – Kunċett ta' 'mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja eżekuttiva oħra li jkollha l-istess effett' – Assenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali – Konsegwenzi – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"*

Fil-Bulgarija, 41 persuna kienu s-suġġett ta' prosekuzzjoni minħabba traffikar ta' drogi li 16 minnhom, inkluż l-individwu kkonċernat, kienu ħarbu. L-awtoritajiet kompetenti Bulgari ħarġu avviż ta' tfittxija fil-konfront ta' dan tal-aħħar u mbagħad ordni għal tqegħid taħt investigazzjoni u mandat ta' arrest Ewropew. Abbażi ta' dan il-mandat ta' arrest Ewropew, l-individwu kkonċernat ġie arrestat fi Spanja u tqiegħed taħt detenzjoni provviżorja. Dan tal-aħħar ikkontesta, diversi drabi, il-legalità tad-deċiżjoni li ordnat it-tqegħid tiegħu taħt detenzjoni provviżorja.

F'dan il-kuntest, l-iSpetsializiran nakazatelen sad (il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Bulgarija), adita b'talba għall-eżami mill-ġdid tal-miżura ta' tqegħid taħt detenzjoni li kien is-suġġett tagħha l-individwu kkonċernat, iddeċidiet li tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontrih. Barra minn hekk, id-detenzjoni provviżorja tal-individwu kkonċernat ġiet issostitwita b'detenzjoni domiċiljari.

Il-qorti tar-rinviju talbet li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, talba li ntlaqgħet mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fir-rigward

tal-kriterju dwar l-urġenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza stabbilita tagħha f'dan il-qasam u rrilevat li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-individwu kkonċernat fil-kawża prinċipali kien jinsab, fid-data li fiha tressqet it-talba għal deċiżjoni preliminari, imċaħħad mil-libertà u li ż-żamma tiegħu taħt detenzjoni kienet tiddependi mill-eżitu tat-tilwima fil-kawża prinċipali. F'dan ir-rigward, hija enfasizzat li, fil-mument li fih tressqet it-talba għal deċiżjoni preliminari, iż-żamma tal-individwu kkonċernat taħt detenzjoni provviżorja kienet tiddependi mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sa fejn ir-risposta tagħha għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju seta' jkollha konsegwenza immedjata fuq ix-xorti tad-deċiżjoni li tordna t-tqegħid tiegħu taħt detenzjoni provviżorja. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-bidla tal-miżura koerċittiva f'miżura ta' detenzjoni domiċiljari ma kinitx taffettwa din il-konklużjoni sa fejn din tal-aħħar kienet ukoll ta' natura li tillimita b'mod kunsiderevoli l-libertà tal-individwu kkonċernat.

***Sentenza tat-30 Ġunju 2022, Valstybės sienos apsaugos tarnyba et (C-72/22 PPU,*** **[EU:C:2022:505](#)*)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Politika tal-ażil u tal-immigrazzjoni – Direttiva 2011/95/KE – Artikolu 4 – Proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Artikoli 6 u 7 – Standards għall-akkoljenza ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali – Artikolu 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Direttiva 2013/33/UE – Artikolu 8 – Tqegħid f'detenzjoni tal-applikant – Raġuni għat-tqegħid – Protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew tal-ordni pubbliku – Tqegħid f'detenzjoni tal-applikant għall-ażil minħabba d-dħul irregolari tiegħu fit-territorju tal-Unjoni"*

Sitwazzjoni ta' emerġenza nazzjonali, segwita minn stat ta' emerġenza parzjali, kienet ġiet iddikjarata fil-Litwanja minħabba l-wasla ta' numru kbir ħafna ta' migranti, b'mod partikolari mill-Bjelorussja. Sussegwentement, ċittadin ta' pajjiż terz li kien daħal illegalment fil-Litwanja mill-Bjelorussja ġie arrestat fil-Polonja minħabba li ma kellux dokumenti tal-ivvjaġġar u viża, u ġie kkonsenjat lill-awtoritajiet Litwani li qiegħduh taħt detenzjoni fl-istennija li tiġi adottata deċiżjoni dwar l-istatus legali tiegħu. L-individwu kkonċernat ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, u mbagħad ikkonfermaha bil-miktub, li tqieset li kienet inammissibbli minħabba li ma kinitx ġiet ippreżentata skont il-modalitajiet previsti fil-leġiżlazzjoni Litwana dwar il-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali f'sitwazzjoni ta' emerġenza kkawżata mill-wasla ta' numru kbir ħafna ta' barranin. Skont din il-leġiżlazzjoni, barrani li jkun daħal fil-Litwanja b'mod irregolari ma kellux il-possibbiltà li jippreżenta, fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Din l-istess leġiżlazzjoni kienet tipprevedi wkoll li, f'tali sitwazzjoni ta' emerġenza, barrani seta' jitqiegħed taħt detenzjoni minħabba s-sempliċi fatt li jkun daħal b'mod irregolari fit-territorju Litwan.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja), adita b'appell mill-individwu kkonċernat kontra d-deċiżjoni li kienet tipprevedi t-tqegħid tiegħu taħt detenzjoni, xtaqet tkun taf jekk id-Direttivi dwar il-proċeduri [23] u dwar l-akkoljenza [24] kinux jipprekludu tali leġiżlazzjoni.

Dik il-qorti talbet ukoll li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, talba li ntlaqgħet mill-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-individwu kkonċernat kien suġġett għal miżura ta' akkomodazzjoni f'ċentru tal-Valstybės sienos apsaugos tarnyba (is-Servizz Nazzjonali ta' Protezzjoni tal-Fruntieri fi Ħdan il-Ministeru għall-Intern tar-Repubblika tal-Litwanja) b'restrizzjoni fuq il-moviment tiegħu, u li dan kien iċaħħdu mil-libertà ta' moviment tiegħu għaliex ma setax jitlaq minn dan iċ-ċentru mingħajr awtorizzazzjoni u akkumpanjament. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat ukoll li, fir-rigward tar-rabta bejn iż-żamma f'detenzjoni u l-eżitu tat-tilwima fil-kawża prinċipali, mid-deċiżjoni tar-rinviju kien jirriżulta li l-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju kienet tikkonċerna l-possibbiltà għall-individwu kkonċernat li jippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u li għalhekk jiġi kklassifikat bħala applikant għall-ażil. Din il-klassifikazzjoni bħala applikant għall-ażil kienet meħtieġa sabiex setgħet tiġi applikata miżura li ma tinvolvix ir-restrizzjoni għal-libertà ta' moviment li tikkaratterizza l-kunċett ta' "detenzjoni".

***Sentenza tal-24 ta' Lulju 2023 (Awla Manja), Lin (C-107/23 PPU, [EU:C:2023:606](EU:C:2023:606))***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 325(1) TFUE – Konvenzjoni 'PIF' – Artikolu 2(1) – Obbligu li tiġi miġġielda, permezz ta' miżuri dissważivi u effettivi, il-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni – Obbligu li jiġu previsti sanzjonijiet kriminali – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Frodi gravi tal-VAT – Terminu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali – Sentenza ta' qorti kostituzzjonali li invalidat dispożizzjoni nazzjonali li tirregola r-raġunijiet għall-interruzzjoni ta' dan it-terminu – Riskju sistemiku ta' impunità – Protezzjoni tad-drittijiet fundamentali – Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' nullum crimen, nulla poena sine lege – Rekwiżiti ta' prevedibbiltà u ta' preċiżjoni tal-liġi kriminali – Prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali iżjed favorevoli (lex mitior) – Prinċipju ta' ċertezza legali – Standard nazzjonali tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali – Obbligu għall-qrati ta' Stat Membru li jħallu mhux applikati sentenzi tal-qorti kostituzzjonali u/jew tal-qorti suprema ta' dan l-Istat Membru fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni – Responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn is-sentenzi – Prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni"*

Matul is-sena 2010, il-persuni kkonċernati naqsu milli jindikaw fid-dokumenti ta' kontabbiltà tagħhom it-tranżazzjonijiet kummerċjali u d-dħul relatat mal-bejgħ, lil

[23] Direttiva 2013/32/UE.
[24] Direttiva 2013/33/UE.

benefiċjarji interni, ta' diżil akkwistat taħt is-sistema ta' sospensjoni tad-dazju tas-sisa, b'dannu għalhekk għall-baġit tal-Istat, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u d-dazji tas-sisa fuq id-diżil.

Fl-2018, il-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) iddikjarat antikostituzzjonali dispożizzjoni nazzjonali li kienet tirregola l-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali għar-raġuni li kienet tikser il-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*. Fl-2022, hija ppreċiżat li d-dritt normattiv Rumen ma kien jipprevedi ebda raġuni għall-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni bejn id-data tal-pubblikazzjoni ta' din is-sentenza tal-aħħar u dik tad-dħul fis-seħħ, fit-30 ta' Mejju 2022, tad-dispożizzjoni l-ġdida li ssostitwixxiet id-dispożizzjoni invalidata.

Fl-2020, il-Curtea de Apel Brașov (il-Qorti tal-Appell ta' Brașov, ir-Rumanija) ikkundannat lill-persuni kkonċernati għal reati ta' frodi fiskali iżda dawn tal-aħħar ikkontestaw il-kundanna tagħhom billi invokaw l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni u l-prinċipju ta' *lex mitior*. Huma bbażaw ruħhom fuq sentenza tal-2022 tal-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija), li kienet tippermetti rimedji straordinarji bbażati fuq id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali. Din il-qorti rrikonoxxiet li, fil-każ li tintlaqa' tali interpretazzjoni, f'dan il-każ it-terminu ta' preskrizzjoni kien skada qabel ma saret definittiva id-deċiżjoni tal-kundanna tal-persuni konċernati, u li dan kien jimplika l-għeluq tal-proċedura kriminali u l-impossibbiltà li dawn tal-aħħar jiġu kkundannati.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju kellha dubju dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' din l-interpretazzjoni, li kien ser ikollha bħala effett li l-persuni kkonċernati jiġu eżonerati mir-responsabbiltà kriminali tagħhom għal reati ta' frodi gravi li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Barra minn hekk, hija enfasizzat li hija seta' jkollha, jekk kien jirriżulta li interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni ma tkunx possibbli, tħalli mhux applikati s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u/jew tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja. Issa, is-sistema dixxiplinari l-ġdida kienet tippermetti li jiġu ssanzjonati l-imħallfin li, b'*mala fide* jew b'negliġenza gravi, ikunu marru kontra s-sentenzi ta' dawn il-qrati.

Fir-rigward tal-kriterju ta' urġenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza stabbilita tagħha f'dan il-qasam, fis-sens li dan il-kriterju jkun issodisfatt meta l-persuna kkonċernata fit-tilwima fil-kawża prinċipali tkun tinsab, fid-data li fiha titressaq it-talba għal deċiżjoni preliminari, imċaħħda mil-libertà u meta ż-żamma tagħha taħt detenzjoni tkun tiddependi mill-eżitu ta' din it-tilwima, u rrilevat li l-persuni kkonċernati kienu kkundannati għal pieni ta' priġunerija (tnejn minnhom kienu qegħdin jiskontaw il-piena rispettiva tagħhom). Barra minn hekk, skont it-tweġiba tal-qorti tar-rinviju għal talba għal iktar informazzjoni, minn naħa, dawn iż-żewġ persuni kkonċernati kienu jinsabu fil-ħabs u, min-naħa l-oħra, id-detenzjoni tagħhom kienet tintemm jekk tiddeċiedi li tilqa' r-rimedji straordinarji għall-annullament li huma ressqu quddiemha kontra l-kundanna tagħhom. Barra minn hekk, l-eżitu tal-imsemmija rimedji straordinarji għal annullament imressqa mill-persuni kkonċernati kien jiddependi mir-risposti tal-Qorti tal-Ġustizzja

għad-domandi magħmula. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk issuġġettat *ex officio* r-rinviju għal deċiżjoni preliminari għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari.

***Digriet tas-27 ta’ Settembru 2023, Abboudnam (C-58/23, EU:C:2023:748)***

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja – Politika tal-ażil – Proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Artikoli 22 u 23 – Dritt għall-għajnuna legali u għar-rappreżentanza – Artikolu 46(4) – Terminu raġonevoli għall-preżentata ta’ rikors – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti – Ċaħda, permezz ta’ proċedura mħaffa, ta’ applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali minħabba li kienet manifestament infondata”*

Ċittadin Marokkin kien ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li ġiet miċħuda permezz ta’ deċiżjoni tal-Ministru għall-Intern tar-Repubblika tas-Slovenja fi proċedura mħaffa għar-raġuni li kienet manifestament infondata.

L-individwu kkonċernat ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni filwaqt li sostna li n-notifika inadegwata tal-imsemmija deċiżjoni kienet tikkostitwixxi ksur tad-dritt tiegħu għal rimedju effettiv għaliex, fil-verità, huwa kellu biss ġurnata waħda sabiex jipprepara r-rikors tiegħu. Barra minn hekk, peress li kien jitkellem biss bl-Għarbi u ma kellux interpretu, huwa kellu jikkomunika mal-avukat tiegħu permezz ta’ messaġġi qosra (SMS) tradotti elettronikament.

Fil-fatt, konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, it-terminu għall-preżentata ta’ rikors kontra tali deċiżjoni huwa limitat minn ħmistax-il jum għal tliet ijiem mid-data tan-notifika ta’ din id-deċiżjoni.

F’dan il-kuntest, adita b’rikors kontra din iċ-ċaħda, l-Upravno sodišče (il-Qorti Amministrattiva, is-Slovenja) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tipprevedi terminu ta’ tliet ijiem, inklużi l-btajjel pubbliċi, għall-preżentata ta’ rikors ġudizzjarju kontra deċiżjoni li tiċħad bħala manifestament infondata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali adottata permezz ta’ proċedura mħaffa mal-Artikolu 46(4) tad-Direttiva 2013/32, moqri fid-dawl tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta.

Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju talbet li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari għar-raġuni li, minn naħa, l-interpretazzjoni mitluba tal-Artikolu 46(4) tad-Direttiva 2013/32 kellha impatt fuq l-eżami ta’ rikorsi simili ppreżentati quddiemha u, min-naħa l-oħra, il-punt ta’ liġi mqajjem f’din il-kawża, peress li kien jikkonċerna d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv, kien jiġġustifika, min-natura tiegħu stess, risposta fl-iqsar żmien possibbli.

Wara li ċaħdet din it-talba għar-raġuni li, f’din il-kawża, il-kundizzjoni marbuta mal-urġenza ma kinitx issodisfatta, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat numru ta’ aspetti bħala aspetti irrilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni

preliminari. B’hekk, in-numru kbir ta’ persuni jew ta’ sitwazzjonijiet legali potenzjalment ikkonċernati mid-deċiżjoni li jkollha tingħata mid-deċiżjoni tar-rinviju wara li tkun ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jistax jikkostitwixxi, bħala tali, ċirkustanza eċċezzjonali ta’ natura li tiġġustifika l-applikazzjoni tal-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari. Fir-rigward tar-raġuni bbażata fuq l-argument li kull talba għal deċiżjoni preliminari li tikkonċerna l-interpretazzjoni ta’ dispożizzjoni dwar id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv teżiġi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta malajr, hija qieset li tali raġuni ma tistax tkun biżżejjed, waħedha, sabiex tiġġustifika li kawża tkun suġġetta għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari peress li din tal-aħħar tikkostitwixxi strument proċedurali intiż li jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta’ urġenza straordinarja. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sa fejn, fid-dritt nazzjonali, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ma setax ikun is-suġġett ta’ tneħħija sakemm id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu għal permess ta’ residenza ma tkunx saret definittiva, seta’ jiġi eskluż ir-riskju ta’ tneħħija lejn pajjiż fejn seta’ jkun espost għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti oħra.

Il-qorti tar-rinviju talbet ukoll li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari għall-istess raġunijiet bħal dawk invokati insostenn tat-talba tagħha għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari. Madankollu, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ċaħad it-talba għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fir-rigward tat-talba għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari.

### 2.3. Riskju ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali

***Sentenza tas-16 ta’ Frar 2017, C. K. et (C-578/16 PPU, EU:C:2017:127)***

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja – Fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Sistema ta’ Dublin – Regolament (UE) Nru 604/2013 – Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Trattamenti inumani jew degradanti – Trasferiment ta’ applikant għall-ażil marid b’mod gravi lejn l-Istat responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu – Assenza ta’ raġunijiet serji sabiex jitwemmen li jeżistu difetti sistemiċi kkonfermati f’dan l-Istat Membru – Obbligi imposti fuq l-Istat Membru li għandu jipproċedi bit-trasferiment”*

F’dan il-każ, ċittadina Sirjana u ċittadin Eġizzjan kienu daħlu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea permezz ta’ viża maħruġa mir-Repubblika tal-Kroazja, qabel ma ppreżentaw applikazzjonijiet għall-ażil fir-Repubblika tas-Slovenja. L-awtoritajiet Sloveni għalhekk talbu lill-awtoritajiet Kroati jieħdu responsabbiltà għal dawn l-individwi sa fejn ir-Repubblika tal-Kroazja, konformement mar-Regolament Dublin III, kienet l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet tagħhom. Ir-Repubblika tal-Kroazja laqgħet din it-talba. Madankollu, peress li ċ-ċittadina Sirjana kienet tqila, it-trasferiment lejn il-Kroazja kellu jiġi pospost sat-twelid tat-tarbija. Sussegwentement, l-individwi kkonċernati oġġezzjonaw għal dan it-trasferiment filwaqt li argumentaw, minn naħa, li dan kien ser ikollu konsegwenzi negattivi fuq l-istat tas-saħħa taċ-ċittadina Sirjana, li setgħu

jaffettwaw ukoll il-benesseri tat-tarbija, u, min-naħa l-oħra, li huma kienu vittmi ta' kummenti u ta' vjolenzi ta' natura razzjali fil-Kroazja. Id-deċiżjoni ta' trasferiment ġiet annullata fl-ewwel istanza iżda ġiet ikkonfermata fl-appell mill-Vrhovno sodišče (il-Qorti Suprema, is-Slovenja). Madankollu, l-Ustavno sodišče (il-Qorti Kostituzzjonali, is-Slovenja), adita mill-individwi kkonċernati, annullat is-sentenza ta' dik il-qorti u bagħtet il-kawża lura quddiemha.

F'dan il-kuntest, il-Vrhovno sodišče (il-Qorti Suprema) talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel preċiżazzjonijiet dwar il-klawżola ta' diskrezzjoni, prevista fl-Artikolu 17 tar-Regolament Dublin III, li, b'mod derogatorju, tippermetti lil Stat Membru jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata quddiemu anki jekk dan l-eżami ma jkunx ir-responsabbiltà tiegħu taħt il-kriterji stabbiliti mill-imsemmi regolament.

Il-qorti tar-rinviju talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari filwaqt li indikat li, fid-dawl tal-istat tas-saħħa taċ-ċittadina Sirjana, il-kwistjoni tal-istatus tagħha kellha tiġi deċiża fl-iqsar żmien possibbli. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma setax jiġi eskluż li r-rikorrenti jiġu ttrasferiti lejn il-Kroazja qabel tintemm proċedura ordinarja għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt, wara talba għal kjarifika magħmula lill-qorti tar-rinviju [25], din tal-aħħar indikat li għalkemm il-qorti tal-ewwel istanza kienet ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment fir-rigward tal-individwi kkonċernati, ebda miżura ġudizzjarja ma kienet qiegħda tissospendi l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni f'dak l-istadju tal-proċedura nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk laqgħet it-talba għal proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

***Sentenza tas-7 ta' Marzu 2017 (Awla Manja), X u X (C-638/16 PPU, EU:C:2017:173)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (KE) Nru 810/2009 – Artikolu 25(1)(a) – Viża b'validità territorjali limitata – Ħruġ ta' viża għal raġunijiet umanitarji jew sabiex jiġu onorati obbligi internazzjonali – Kunċett ta' 'obbligi internazzjonali' – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali – Konvenzjoni ta' Genève – Ħruġ ta' viża fil-każ ta' riskju kkonfermat ta' ksur tal-Artikoli 4 u/jew 18 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Assenza ta' obbligu"*

Koppja ta' ċittadini Sirjani u t-tliet uliedhom, li jgħixu fis-Sirja, kienu ppreżentaw, fl-ambaxxata tal-Belġju fil-Libanu, applikazzjonijiet għal viżi umanitarji, ibbażati fuq l-Artikolu 25(1)(a) tar-Regolament Nru 810/2009 [26] (magħruf bħala l-"Kodiċi tal-Viżi"), qabel marru lura fis-Sirja. L-għan ta' dawn l-applikazzjonijiet kien li jinkisbu viżi b'validità territorjali limitata, sabiex il-familja tkun tista' titlaq mis-Sirja u mbagħad tippreżenta applikazzjoni għall-ażil fil-Belġju. Ir-rikorrenti enfasizzaw li wieħed minnhom kien inħataf minn grupp terroristiku u kien suġġett għal tortura qabel inħeles wara li tħallas riskatt.

[25] Talba magħmula abbażi tal-Artikolu 101(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.
[26] Regolament (KE) Nru 810/2009.

B’mod ġenerali, huma invokaw id-deterjorament fis-sitwazzjoni tas-sigurtà fis-Sirja, kif ukoll il-fatt li huma kienu esposti għal riskju li jiġu ppersegwitati minħabba li jagħmlu parti mill-komunità Kristjana Ortodossa. L-applikazzjonijiet tagħhom kienu ġew miċħuda għar-raġuni, fost oħrajn, li kellhom l-intenzjoni jibqgħu għal iktar minn disgħin jum fil-Belġju u li l-uffiċċji diplomatiċi Belġjani ma humiex fost l-awtoritajiet li quddiemhom barrani jista’ jippreżenta applikazzjoni għall-ażil.

Il-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju), adit b’rikors kontra din iċ-ċaħda, kellu dubju dwar il-portata tal-marġni ta’ diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri f’tali kuntest, b’mod partikolari fid-dawl tal-obbligi li joħorġu mill-Karta u, b’mod partikolari, mill-Artikoli 4 (projbizzjoni tat-tortura u ta’ pieni jew trattamenti inumani jew degradanti) u 18 (dritt għall-ażil) tagħha. Huwa għalhekk għamel diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin) talab ukoll li l-kawża tiġi suġġetta għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari. Għal dan il-għan, huwa invoka s-sitwazzjoni drammatika tal-kunflitt armat fis-Sirja, l-età żgħira ta’ wlied ir-rikorrenti, il-profil partikolarment vulnerabbli ta’ dawn tal-aħħar, marbut mal-fatt li jagħmlu parti mill-komunità Kristjana Ortodossa, u l-fatt li huwa kien ġie adit fil-kuntest ta’ proċedura ta’ sospensjoni ta’ urġenza estrema. F’dan ir-rigward, huwa speċifika li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari ineżami kellu l-effett li jissospendi l-proċedura fil-kawża prinċipali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet it-talba għal proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari. Għal dan il-għan, hija enfasizzat li ma kienx ikkontestat li, minn tal-inqas fid-data tal-eżami tat-talba għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari, ir-rikorrenti kienu esposti għar-riskju reali li jkunu suġġetti għal trattamenti inumani jew degradanti. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-fatt għandu jitqies li huwa element ta’ urġenza li jiġġustifika l-applikazzjoni tal-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari.

***Digriet tas-27 ta’ Settembru 2018, FR (C-422/18 PPU, [EU:C:2018:784](EU:C:2018:784))***

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja – Proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 46 – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 18, Artikolu 19(2) u Artikolu 47 – Dritt għal rimedju effettiv – Deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għat-tieni livell ta’ azzjoni ġudizzjarja – Effett sospensiv ipso jure limitat għar-rikors fl-ewwel istanza”*

Ċittadin Niġerjan kien ippreżenta applikazzjoni għall-ażil fl-Italja. Insostenn tagħha, huwa invoka l-fatt li kien imġiegħel jitlaq mill-pajjiż ta’ oriġini tiegħu minħabba li l-awtoritajiet nazzjonali kienu skoprew li kellu relazzjoni omosesswali u minħabba li, għal din ir-raġuni, kien espost għar-riskju li jiġi arrestat u mqiegħed taħt detenzjoni. Wara li l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu ġiet miċħuda mill-awtorità kompetenti u wara li din iċ-ċaħda ġiet

ikkonfermata mit-Tribunale di Milano (il-Qorti Distrettwali ta' Milano, l-Italja), iċ-ċittadin Niġerjan, minn naħa, ippreżenta appell fil-kassazzjoni u, min-naħa l-oħra, ressaq talba għal miżuri provviżorji quddiem it-Tribunale di Milano (il-Qorti Distrettwali ta' Milano), intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-imsemmija qorti. Issa, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali [27], dik il-qorti kellha tagħti deċiżjoni dwar tali talba għal sospensjoni billi tevalwa jekk l-aggravji mqajma fil-kuntest tal-appell mid-deċiżjoni tagħha kinux fondati jew le, u mhux billi tevalwa jekk kienx hemm riskju ta' dannu gravi u irreparabbli għal dan l-applikant minħabba l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni.

It-Tribunale di Milano (il-Qorti Distrettwali ta' Milano) għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/32 [28], moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jiggarantixxi dritt għal rimedju effettiv.

Dik il-qorti talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. F'dan ir-rigward, hija indikat li r-rikorrent kien meħtieġ jitlaq immedjatament mit-territorju Taljan u li seta' jitneħħa lejn in-Niġerja f'kull mument, fejn kien ser ikun espost għal riskju serju li jkun suġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti oħra. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju enfasizzat li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domanda magħmula seta' jkollha influwenza determinanti fuq il-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrent setax jibqa' fit-territorju Taljan fl-istennija tal-eżitu tal-appell fil-kassazzjoni tiegħu. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-possibbiltà li r-rikorrent jitneħħa lejn in-Niġerja qabel tintemm proċedura ordinarja għal deċiżjoni preliminari ma setgħetx tiġi eskluża u għalhekk iddeċidiet li tilqa' t-talba għal proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

***Sentenza tas-17 ta' Ottubru 2018, UD (C-393/18 PPU, EU:C:2018:835)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Artikolu 8(1) – Ġurisdizzjoni fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri – Kunċett ta' 'residenza abitwali tal-wild' – Rekwiżit ta' preżenza fiżika – Żamma tal-omm u tal-wild f'pajjiż terz kontra r-rieda tal-omm – Ksur tad-drittijiet fundamentali tal-omm u tal-wild"*

Wara li żżewġet ċittadin Brittaniku, ċittadina tal-Bangladexx kienet ibbenefikat minn viża li kienet tippermettilha tistabbilixxi ruħha fir-Renju Unit. Sussegwentement, il-koppja marru fil-Bangladexx matul it-tqala taċ-ċittadina tal-Bangladexx. It-tifla tagħhom twieldet

[27] Decreto legislativo n. 25 – Attuazione della direttiva 2005/85/CE recante norme minime per le procedure applicate negli Stati membri ai fini del riconoscimento e della revoca dello status di rifugiato (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 25, dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/85/KE dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat), tal-25 ta' Jannar 2008 (GURI Nru 40, tas-16 ta' Frar 2008), kif emendat bid-decreto-legge n. 13 – Disposizioni urgenti per l'accelerazione dei procedimenti in materia di protezione internazionale, nonche' per il contrasto dell'immigrazione illegale (id-Digriet Liġi Nru 13, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet urġenti dwar il-ħeffa tal-proċeduri fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali kif ukoll dwar il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali), tas-17 ta' Frar 2017 (GURI Nru 40, tas-17 ta' Frar 2017), ikkonfermat bħala liġi, b'emendi, permezz tal-Liġi Nru 46, tat-13 ta' April 2017.

[28] Direttiva 2013/32/UE.

hemmhekk u qatt ma għexet fir-Renju Unit. Il-missier mar lura lejn ir-Renju Unit waħdu. Skont l-allegazzjonijiet tal-omm, li ġew ikkontestati mill-missier, dan tal-aħħar kien qarraq biha sabiex twelled f'pajjiż terz u kien qiegħed iġiegħlha tkompli tgħix hemmhekk mat-tifla, mingħajr gass, elettriku u ilma għax-xorb, u mingħajr l-ebda dħul, fi ħdan komunità li kienet qed tistigmatizzaha. B'hekk, l-omm ippreżentat rikors quddiem il-High Court of Justice (England & Wales), Family Division (il-Qorti Għolja tal-Ġustizzja (Ingilterra u Wales), Sezzjoni tal-Familja, ir-Renju Unit), sabiex it-tifla titqiegħed taħt il-protezzjoni ta' dik il-qorti u sabiex jiġi ordnat ir-ritorn tagħhom lejn ir-Renju Unit.

Dik il-qorti qieset li fl-ewwel lok kien meħtieġ li tiġi deċiża l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tagħti deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, li kien jimplika li kellu jiġi ddeterminat jekk il-minuri setgħetx titqies li kellha r-residenza abitwali tagħha, fis-sens tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 2201/2003, fir-Renju Unit, minkejja li qatt ma kienet marret f'dan l-Istat Membru. Barra minn hekk, l-imsemmija qorti kellha dubju dwar jekk iċ-ċirkustanzi tal-kawża, b'mod partikolari l-aġir tal-missier u l-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-omm jew tat-tifla, kellhomx impatt fuq dan il-kunċett ta' "residenza abitwali".

Il-qorti tar-rinviju talbet ukoll li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, talba li ntlaqgħet mill-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li fil-każ li tiġi stabbilita l-influwenza deċiżiva eżerċitata mill-missier fuq l-omm, il-benesseri attwali tat-tifla jkun serjament kompromess. Kull dewmien fit-teħid ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fir-rigward tal-minuri kien itawwal is-sitwazzjoni attwali u għalhekk kien isaħħaħ ir-riskju ta' ħsara serja, jekk mhux ukoll irreparabbli, għall-iżvilupp ta' din il-minuri. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fil-każ ta' eventwali ritorn lejn ir-Renju Unit, tali dewmien seta' jippreġudika wkoll l-integrazzjoni tal-minuri fl-ambjent familjari u soċjali l-ġdid tagħha. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-età żgħira ħafna tal-minuri (sena u xahrejn fid-data tad-deċiżjoni tar-rinviju) kienet tfisser li l-iżvilupp tagħha kien ta' natura partikolarment delikat.

***Sentenza tal-14 ta' Mejju 2020 (Awla Manja), Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Délalföldi Regionális Igazgatóság (C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, EU:C:2020:367)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika tal-ażil u tal-immigrazzjoni – Direttiva 2013/32/UE – Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali – Artikolu 33(2) – Raġunijiet ta' inammissibbiltà – Artikolu 40 – Applikazzjonijiet sussegwenti – Artikolu 43 – Proċeduri fuq il-fruntiera – Direttiva 2013/33/UE – Artikolu 2(h), u Artikoli 8 u 9 – Detenzjoni – Legalità – Direttiva 2008/115/UE – Artikolu 13 – Rimedji effettivi – Artikolu 15 – Detenzjoni – Legalità – Dritt għal rimedju effettiv – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni"*

F'dan il-każ, ċittadini Afgani u Iranjani, li kienu waslu fl-Ungerija mis-Serbja, ippreżentaw applikazzjonijiet għall-ażil fl-Ungerija miż-żona ta' tranżitu ta' Röszke, li tinsab fil-fruntiera

bejn is-Serbja u l-Ungerija. Skont id-dritt Ungeriż, dawn l-applikazzjonijiet ġew miċħuda bħala inammissibbli u ġew adottati deċiżjonijiet ta' ritorn lejn is-Serbja. Madankollu, l-awtoritajiet Serbi rrifjutaw l-ammissjoni mill-ġdid tal-persuni kkonċernati fit-territorju tagħhom minħabba li l-kundizzjonijiet previsti fil-ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid konkluż mal-Unjoni ma kinux issodisfatti. Wara din id-deċiżjoni, l-awtoritajiet Ungeriżi ma wettqux l-eżami fil-mertu tal-applikazzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq iżda emendaw il-pajjiż ta' destinazzjoni msemmi fid-deċiżjonijiet ta' ritorn inizjali, billi ssostitwixxewh bil-pajjiż ta' oriġini rispettiv tal-persuni kkonċernati. Dawn tal-aħħar għalhekk ikkontestaw dawn id-deċiżjonijiet ta' emenda, iżda l-kontestazzjoni tagħhom ġiet miċħuda. Minkejja li tali rikors ma kienx previst fid-dritt Ungeriż, il-persuni kkonċernati adixxew lil qorti Ungeriża sabiex tannulla d-deċiżjonijiet u tordna lill-awtorità inkarigata mill-ażil tmexxi proċedura ġdida għall-ażil. Huma ppreżentaw ukoll rikorsi għal nuqqas li tittieħed azzjoni marbuta mat-tqegħid u maż-żamma tagħhom fiż-żona ta' tranżitu ta' Röszke. Fil-fatt, huma inizjalment kienu obbligati jirrisjedu fit-taqsima ta' din iż-żona ta' tranżitu rriżervata għall-applikanti għall-ażil, qabel ma ġew obbligati, xi xhur wara, jirrisjedu fit-taqsima ta' din l-istess żona rriżervata għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-applikazzjoni għall-ażil tagħhom kienet ġiet miċħuda, taqsima fejn kienu jinsabu fiż-żmien tal-kawża.

Is-Szegedi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali tal-Belt ta' Szeged, l-Ungerija), adita b'rikors kontra din iċ-ċaħda, għamlet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2013/32 [29] u tad-Direttiva 2013/33 [30], b'mod partikolari dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' ammissjoni mill-ġdid minn pajjiż terz ta' migranti li l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tagħhom tkun ġiet iddikjarata inammissibbli, dwar il-klassifikazzjoni tal-akkomodazzjoni tagħhom fiż-żona ta' tranżitu fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw id-detenzjoni u dwar id-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' miżuri provviżorji mill-qorti nazzjonali.

Il-qorti tar-rinviju talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari għar-raġuni li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kienu mċaħħda mil-libertà. Hija invokat ukoll il-fatt li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni kienu diffiċli, b'mod partikolari minħabba l-età avvanzata u l-problemi ta' saħħa ta' wħud minnhom, kif ukoll minħabba d-deterjorament tas-saħħa mentali ta' minuri li kien qiegħed jirrisjedi, flimkien ma' missieru, fit-taqsima taż-żona ta' tranżitu ta' Röszke rriżervata għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-applikazzjoni għall-ażil tagħhom kienet ġiet miċħuda. Barra minn hekk, l-imsemmija qorti indikat li r-risposti tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi magħmula kien ser ikollhom impatt dirett u determinanti fuq l-eżitu tal-kawżi prinċipali, b'mod partikolari fuq iż-żamma tad-detenzjoni li kienu suġġetti għaliha r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali.

---

[29] Direttiva 2013/32/UE.
[30] Direttiva 2013/33/UE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet it-talba għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari billi bbażat ruħha, fost oħrajn, fuq ir-riskju ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali fil-qasam tal-ażil (Artikoli 18 u 19 tal-Karta) kif ukoll fuq is-saħħa mentali ta’ wieħed miċ-ċittadini kkonċernati, li kien minuri. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li r-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kienu s-suġġett ta’ deċiżjonijiet li kienu jordnaw ir-ritorn tagħhom lejn il-pajjiż ta’ oriġini tagħhom u kienu għalhekk esposti għar-riskju li jintbagħtu lura fi żmien qasir minkejja li, skont il-qorti tar-rinviju, il-fondatezza tar-raġunijiet li fuqhom kienu bbażati l-applikazzjonijiet għall-ażil tal-imsemmija rikorrenti qatt ma kienet ġiet eżaminata minn qorti. Għaldaqstant, ma setax jiġi eskluż li, b’applikazzjoni ta’ dawn id-deċiżjonijiet, li kienu ġew ikkonfermati permezz ta’ digrieti li l-annullament tagħhom kien qiegħed jintalab quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kienu ser jintbagħtu fil-pajjiż ta’ oriġini tagħhom qabel tintemm proċedura għal deċiżjoni preliminari li ma tkunx suġġetta għall-proċedura b’urġenza għal deċiżjoni preliminari, u li din it-tneħħija setgħet tesponihom għal trattament li jmur kontra l-Artikolu 18 u l-Artikolu 19(2) tal-Karta. Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li wieħed mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kien minuri, li s-saħħa mentali u psikika tiegħu kienet qiegħda tiddeterjora minħabba s-soġġorn tiegħu fiż-żona ta’ tranżitu ta’ Röszke, dewmien fit-teħid ta’ deċiżjoni ġudizzjarja kien ser jestendi s-sitwazzjoni attwali u jirriskja għalhekk ħsara serja, jekk mhux irreparabbli, għall-iżvilupp ta’ dan il-minuri.

***Sentenza tal-20 ta’ Jannar 2022, Landeshauptmann von Wien (Telf tal-istatus ta’ residenti għal żmien twil) (C-432/20, [EU:C:2022:39](EU:C:2022:39))***

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja – Politika tal-immigrazzjoni – Direttiva 2003/109/KE – Artikolu 9(1)(ċ) – Telf tal-istatus ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu residenti għal żmien twil – Assenza mit-territorju tal-Unjoni Ewropea matul perijodu ta’ tnax-il xahar konsekuttivi – Interruzzjoni ta’ dan il-perijodu ta’ assenza – Residenzi irregolari u għal żmien qasir fit-territorju tal-Unjoni”*

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn ċittadin Kazaki u l-Landeshauptmann von Wien (il-Kap tal-Gvern tal-Land ta’ Vjenna, l-Awstrija), kienet dwar ir-rifjut ta’ dan tal-aħħar li jġedded il-permess ta’ residenza bħala resident għal żmien twil ta’ dan iċ-ċittadin.

Il-qorti tar-rinviju, il-Verwaltungsgericht Wien (il-Qorti Amministrattiva ta’ Vjenna, l-Awstrija) ikkonstatat li, minkejja li r-rikorrent fil-kawża prinċipali qatt ma kien telaq mill-Unjoni matul tnax-il xahar konsekuttivi bejn l-2013 u l-2018, huwa kien preżenti fit-territorju għal ftit jiem fis-sena biss. Kienet din il-preżenza limitata li ntużat bħala raġuni għar-rifjut tat-tiġdid tal-permess ta’ residenza tiegħu. F’dan ir-rigward, ir-rikorrent ippreżenta studju legali, imwettaq minn grupp ta’ esperti tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-migrazzjoni regolari, li minnu kien jirriżulta li hija biss l-assenza fiżika mit-territorju tal-Unjoni għal perijodu ta’ tnax-il xahar konsekuttivi li timplika t-telf tal-istatus ta’ resident

għal żmien twil, taħt l-Artikolu 9(1)(ċ) tad-Direttiva 2003/109 [31], irrispettivament mill-istabbiliment materjali jew mir-residenza abitwali fit-territorju tal-Unjoni tar-rikorrent ikkonċernat. Il-qorti tar-rinviju qieset li dan l-istudju kien jidher li jikkonferma l-argument tar-rikorrent fil-kawża prinċipali fis-sens li anki soġġorni għal żmien qasir, bħal dawk f'dan il-każ, kienu biżżejjed sabiex iżomm l-istatus tiegħu bħala resident għal żmien twil fis-sens tad-Direttiva 2003/109.

F'dan il-kuntest, il-Verwaltungsgericht Wien (il-Qorti Amministrattiva ta' Vjenna) għamlet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 9(1)(ċ) tad-Direttiva 2003/109 għall-irtirar, mill-awtoritajiet nazzjonali, tal-istatus ta' ċittadin ta' pajjiż terz bħala resident għal żmien twil.

Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju talbet li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari filwaqt li rrilevat, b'mod partikolari, li r-rikorrent fil-kawża prinċipali kif ukoll il-konjuġi tiegħu u l-erba' wlied minuri tagħhom kienu fl-aħħar lok stabbiliti fir-Renju Unit abbażi ta' permessi ta' residenza ta' dan l-Istat maħruġa għal perijodu ta' diversi snin. Madankollu, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali xtaq jistabbilixxi ruħu mill-ġdid fl-Awstrija, filwaqt li jingħaqdu miegħu l-membri tal-familja tiegħu taħt ir-riunifikazzjoni tal-familja, pass dan li kien jeħtieġ, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ, li l-ewwel jiġi kkonstatat li dan tal-aħħar għad għandu dritt għall-istatus ta' resident għal żmien twil. Filwaqt li ċaħdet it-talba għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-qorti tar-rinviju ma kinitx esponiet b'mod suffiċjenti ċ-ċirkustanzi li kienu jippermettu li jiġi stabbilit li kien hemm urġenza biex tingħata deċiżjoni f'din il-kawża. B'hekk, il-qorti tar-rinviju ma kinitx stabbilixxiet, b'mod partikolari, li kien hemm riskju li r-rikorrent fil-kawża prinċipali u l-membri tal-familja tiegħu jkunu suġġetti għal miżuri ta' tneħħija fir-Renju Unit jew fl-Awstrija u lanqas ma stabbilixxiet li kien hemm sitwazzjoni ta' theddida għar-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom, bħalma huwa d-dritt għal ħajja familjali.

[31] Direttiva 2003/109/KE.

# II. Il-proċedura mħaffa

## 1. Ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa

### 1.1. Natura u sensittività tal-qasam ta' interpretazzjoni li jkun is-suġġett tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari

***Digriet tat-22 ta' Frar 2008, Kozłowski (C-66/08, EU:C:2008:116)*** [32]

*"Proċedura mħaffa"*

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna ċittadin Pollakk li kienu ilu jirrisjedi għal diversi snin, għalkemm mhux b'mod kontinwu u probabbilment b'mod illegali, fil-Ġermanja, fejn dak iż-żmien kien qiegħed jiskonta piena ta' priġunerija. Dan iċ-ċittadin kien is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew, maħruġ minn qorti Pollakka, sabiex tiġi eżegwita piena ta' priġunerija li għaliha kien diġà ġie kkundannat. F'dan il-kuntest, l-Oberlandesgericht Stuttgart (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Stuttgart, il-Ġermanja), li kellha tagħti deċiżjoni dwar il-konsenja tal-individwu kkonċernat lill-awtoritajiet ġudizzjarji Pollakki, kellha dubju dwar l-interpretazzjoni tal-kundizzjoni ta' residenza jew ta' domiċilju prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tipprevedi raġuni fakultattiva għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew meta l-persuna rikjesta "toqgħod fi, jew hi ċittadina jew resident[i] ta' l-Istat Membru li jesegwixxi" u meta dan l-Istat jintrabat li jeżegwixxi l-piena barranija.

Barra minn hekk, l-Oberlandesgericht Stuttgart (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Stuttgart) talbet li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari għar-raġuni li d-detenzjoni tal-individwu kkonċernat fit-territorju Ġermaniż kienet waslet biex tintemm fil-futur qarib u li, barra minn hekk, dan seta' jiġi rrilaxxat b'mod antiċipat.

Wara li indika li t-talba għal proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, li ma kinitx tapplika f'dan il-każ, kellha titqies li kienet talba għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari [33], il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja osserva li din il-kawża tqajjem problemi ta' interpretazzjoni li jikkonċernaw qasam sensittiv tal-attività tal-leġiżlatur Ewropew li jikkonċerna aspetti ċentrali tal-funzjonament tal-mandat ta' arrest Ewropew li fir-rigward tagħhom kien l-ewwel darba li l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni. Fil-fatt, l-interpretazzjoni mitluba seta' jkollha konsegwenzi ġenerali, kemm għall-awtoritajiet li jkollhom jikkooperaw fil-kuntest tal-mandat ta' arrest Ewropew u kemm għad-drittijiet tal-persuni rikjesti, li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni ta' inċertezza. Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja qies ukoll li risposta mħaffa kellha tippermetti lill-awtorità ġudizzjarja ta'

[32] Ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008 (Awla Manja), Kozłowski (C-66/08, EU:C:2008:437).

[33] Ara, iktar 'il fuq, fil-Parti I ta' dan id-dokument, intitolata "Il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari", il-punt "1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari".

eżekuzzjoni tagħti deċiżjoni fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli dwar it-talba għal konsenja li kienet saritilha, filwaqt li jkollha l-possibbiltà li tikkonforma ruħha, fl-iqsar żmien possibbli, mal-obbligi tagħha taħt id-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Huwa għalhekk issuġġetta l-kawża għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari.

## 1.2. Gravità partikolari tal-inċertezza legali li tkun is-suġġett tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari

***Digriet tal-4 ta' Ottubru 2012, Pringle (C-370/12, EU:C:2012:620)*** [34]

*"Proċedura mħaffa"*

Din il-kawża kienet taqa' fil-kuntest tal-ħolqien tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), wara l-kriżi finanzjarja li laqtet iż-żona tal-euro fl-2010. Fil-fatt, din l-istituzzjoni finanzjarja internazzjonali hija intiża li tirrilaxxa riżorsi finanzjarji u li tipprovdi sostenn għall-istabbiltà tal-Istati Membri taż-żona tal-euro li jkunu qegħdin jaffaċċjaw, jew li jkunu fir-riskju li jaffaċċjaw, problemi serji ta' finanzjament. F'dan il-każ, Membru tal-Parlament Irlandiż kien ippreżenta rikors kontra l-Gvern Irlandiż. Huwa qajjem l-invalidità tad-Deċiżjoni 2011/199 [35] u allega, barra minn hekk, li, jekk tirratifika, tapprova jew taċċetta t-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, konkluż fit-2 ta' Frar 2012 [36], l-Irlanda kienet ser tkun qiegħda tassumi obbligi inkompatibbli mat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea.

F'dan il-kuntest, il-Chúirt Uachtarach (il-Qorti Suprema, l-Irlanda) ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u talbet l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari, filwaqt li invokat li r-ratifika tat-Trattat MES mill-Irlanda fil-ħin kienet ta' importanza kbira ħafna għal membri oħra tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà u, b'mod partikolari, għal dawk li kellhom bżonn assistenza finanzjarja. Minkejja li fil-frattemp l-Irlanda, bħall-Istati Membri l-oħra kollha firmatarji tat-Trattat MES, kienet irratifikat dan it-trattat, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja indika li d-domandi preliminari magħmula f'din il-kawża kienu jqajmu inċertezza dwar il-validità ta' dan it-trattat. Filwaqt li enfasizza ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali ta' kriżi finanzjarja li fihom ġie konkluż dan it-trattat, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li l-użu tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari kien meħtieġ sabiex titneħħa fl-iqsar żmien possibbli din l-inċertezza, li kienet tippreġudika l-għan tat-Trattat MES, jiġifieri l-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro.

---

34 Ara wkoll is-sentenza tas-27 ta' Novembru 2012, Pringle (C-370/12, EU:C:2012:756).

35 Deċiżjoni 2011/199/UE.

36 It-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà kien ġie konkluż fi Brussell (il-Belġju) fit-2 ta' Frar 2012, bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tal-Finlandja. Dan it-trattat daħal fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2012.

***Digrieti tal-15 ta' Jannar 2017, Mengesteab (C-670/16, EU:C:2017:120)*** [37]***, u Jafari (C-646/16, EU:C:2017:138)*** [38]

*"Proċedura mħaffa"*

Fil-kawża Mengesteab (C-670/16), ċittadin Eritrew kien talab l-ażil quddiem l-awtoritajiet Ġermaniżi, li ħarġulu ċertifikat ta' dikjarazzjoni. F'dan ir-rigward għandu jiġi speċifikat li d-dritt Ġermaniż [39] kien jagħmel distinzjoni bejn il-fatt li jintalab l-ażil, li jagħti lok għall-ħruġ ta' tali ċertifikat, u l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni uffiċjali għall-ażil. Meta l-individwu kkonċernat seta' finalment jippreżenta tali applikazzjoni għall-ażil, disa' xhur iktar tard, l-awtoritajiet Ġermaniżi talbu lill-awtoritajiet Taljani jieħdu responsabbiltà għalih peress li, skont ir-Regolament Dublin III, ir-Repubblika Taljana kienet l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu. Għaldaqstant, l-applikazzjoni għall-ażil tal-individwu kkonċernat ġiet miċħuda bħala inammissibbli u ġie ordnat it-trasferiment tiegħu lejn l-Italja. Adita b'rikors kontra din id-deċiżjoni ta' trasferiment, il-Verwaltungsgericht Minden (il-Qorti Amministrattiva ta' Minden, il-Ġermanja) kellha dubju, minn naħa, dwar il-possibbiltà, għal applikant għall-ażil, li jinvoka l-iskadenza tat-termini għall-preżentata tat-talba sabiex tittieħed responsabbiltà, u, min-naħa l-oħra, dwar il-modalitajiet għall-kalkolu ta' dawn it-termini. Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament Dublin III, fil-każ li ma jiġux osservati t-termini indikati, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni tiġi ttrasferita lill-Istat Membru li quddiemu tkun ġiet ippreżentata. Madankollu, il-Verwaltungsgericht Minden (il-Qorti Amministrattiva ta' Minden) osservat li tali dewmien kien estremament komuni fil-Ġermanja minħabba ż-żieda inabitwali fin-numru ta' applikanti għall-ażil b'effett mill-2015.

Fil-kawża Jafari (C-646/16), il-membri ta' familja Afgana kienu qasmu l-fruntiera bejn is-Serbja u l-Kroazja. L-awtoritajiet Kroati kienu mbagħad organizzaw it-trasport tagħhom sal-fruntiera Slovena, bil-għan li jgħinuhom jaslu fi Stati Membri oħra sabiex jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali hemmhekk. Il-familja għamlet dan fl-Awstrija. Madankollu, sa fejn ir-Regolament Dublin III jipprevedi li r-responsabbiltà taqa' fuq l-Istat Membru li l-fruntiera esterna tiegħu tkun inqasmet b'mod irregolari, l-awtoritajiet Awstrijaċi kienu talbu lill-awtoritajiet Kroati jieħdu responsabbiltà għall-individwi kkonċernati. Għaldaqstant, l-applikazzjonijiet tal-familja kienu ġew miċħuda u ġie ordnat it-trasferiment tal-individwi kkonċernati lejn il-Kroazja. Adita b'rikors kontra dawn id-deċiżjonijiet, il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-mod li bih għandhom jiġu applikati l-kriterji dwar il-ħruġ ta' permessi ta' soġġorn jew ta' viżi u dwar id-dħul jew is-soġġorn, previsti fl-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament Dublin III.

Iż-żewġ qrati tar-rinviju talbu l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari, talbiet li ntlaqgħu mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

---

[37] Ara wkoll is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017 (Awla Manja), Mengesteab (C-670/16, EU:C:2017:587).
[38] Ara wkoll is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017 (Awla Manja), Jafari (C-646/16, EU:C:2017:586).
[39] Asylgesetz (il-Liġi dwar l-Ażil), fil-verżjoni ppubblikata fit-2 ta' Settembru 2008 (BGBl. 2008 I, p. 1798).

Fiż-żewġ kawżi, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja beda billi fakkar li, normalment, in-numru kbir ta' persuni jew ta' sitwazzjonijiet legali potenzjalment ikkonċernati mid-deċiżjoni li jkollha tieħu qorti tar-rinviju wara li tkun għamlet rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jistax, bħala tali, jikkostitwixxi ċirkustanza eċċezzjonali ta' natura li tiġġustifika l-użu ta' proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari (digrieti tal-15 ta' Frar 2017, Mengesteab, C-670/16, EU:C:2017:120, punt 10, u Jafari, C-646/16, EU:C:2017:138, punt 10).

Madankollu, huwa żied li, f'dan il-każ, din il-kunsiderazzjoni ma setgħetx tkun deċiżiva sa fejn in-numru ta' kawżi kkonċernati mid-domandi preliminari magħmula kien tali li l-inċertezza dwar l-eżitu tagħhom setgħet tostakola l-funzjonament tas-sistema stabbilita permezz tar-Regolament Dublin III u, għaldaqstant, setgħet iddgħajjef is-sistema Ewropea komuni ta' ażil implimentata mil-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea b'applikazzjoni tal-Artikolu 78 TFUE. Fil-fatt, minn naħa, dawn il-kawżi kienu jaqgħu f'kuntest mingħajr preċedent fejn kien ġie rreġistrat numru eċċezzjonalment kbir ta' applikazzjonijiet għall-ażil, fil-Ġermanja, fl-Awstrija u, b'mod iktar ġenerali, fl-Unjoni, f'kundizzjonijiet analogi għal dawk inkwistjoni f'din il-kawża. Min-naħa l-oħra, dawn il-kawżi kienu jqajmu problemi ta' interpretazzjoni marbuta direttament ma' dan il-kuntest li kienu jikkonċernaw aspetti ċentrali tas-sistema implimentata permezz tar-Regolament Dublin III, li dwarhom il-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa tagħti deċiżjoni għall-ewwel darba. Għaldaqstant, ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja seta' jkollha konsegwenzi ġenerali għall-awtoritajiet nazzjonali li kienu meħtieġa jikkooperaw sabiex japplikaw dan ir-regolament (digrieti tal-15 ta' Frar 2017, Mengesteab, C-670/16, EU:C:2017:120, punti 11 sa 13, u Jafari, C-646/16, EU:C:2017:138, punti 11 sa 13).

Skont il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, minn dan kien isegwi li l-inċertezza dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil bħal dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali ma kinitx tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jipprevedu l-miżuri amministrattivi u baġitarji meħtieġa sabiex jiġi żgurat, konformement mar-rekwiżiti li jirriżultaw kemm mid-dritt tal-Unjoni u kemm mill-impenji internazzjonali tal-Istati Membri kkonċernati, l-eżami ta' dawn l-applikazzjonijiet u l-akkoljenza tal-applikanti għall-ażil li, jekk ikun il-każ, kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom. F'din is-sitwazzjoni eċċezzjonali ta' kriżi, l-użu tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari kien meħtieġ sabiex titneħħa, fl-iqsar żmien possibbli, din l-inċertezza li kienet ta' preġudizzju għall-funzjonament tajjeb tas-sistema Ewropea komuni tal-ażil, li jikkontribwixxi sabiex jiġi osservat l-Artikolu 18 tal-Karta (digrieti tal-15 ta' Frar 2017, Mengesteab, C-670/16, EU:C:2017:120, punti 15 u 16, u Jafari, C-646/16, EU:C:2017:138, punti 14 u 15).

***Digriet tat-28 ta' Frar 2017, M.A.S. u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:168)*** [40]

*"Proċedura mħaffa"*

Il-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja) kienet ġiet adita bi kwistjoni ta' natura kostituzzjonali minn żewġ qrati Taljani li kellhom dubju dwar l-eventwali ksur tal-prinċipju ta' legalità fil-każ li tiġi applikata r-regola li tirriżulta mis-sentenza Taricco *et* [41], fil-kuntest ta' proċeduri kriminali pendenti quddiemhom. Jitfakkar li, fl-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonstatat li, f'żewġ każijiet identifikati minnha, ir-regoli Taljani dwar il-preskrizzjoni applikabbli għar-reati fiskali fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) setgħu jippreġudikaw l-obbligi imposti fuq l-Istati Membri mill-Artikolu 325(1) u (2) TFUE. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'dawn il-każijiet, il-qorti nazzjonali kompetenti kellha tagħti effett sħiħ lill-Artikolu 325(1) u (2) TFUE billi, jekk ikun meħtieġ, ma tapplikax id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali kkonċernati.

F'dan il-każ, konformement mar-regola stabbilita fl-imsemmija sentenza, il-qrati Taljani qiesu li kellhom jinjoraw it-terminu ta' preskrizzjoni previst fil-codice penale (il-Kodiċi Kriminali) u, għalhekk, kellhom jagħtu deċiżjoni fuq il-mertu. Madankollu, il-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà ta' tali soluzzjoni mal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, kif stabbilit fil-Kostituzzjoni Taljana u kif interpretat minnha stess, li jeżiġi li d-dispożizzjonijiet kriminali għandhom jiġu ddeterminati bi preċiżjoni u ma jistgħux ikunu retroattivi.

Il-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) talbet li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari tagħha jiġi suġġett għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari filwaqt li sostniet li kienet inħolqot sitwazzjoni ta' inċertezza kbira dwar l-interpretazzjoni li għandu jingħata d-dritt tal-Unjoni, li din l-inċertezza kienet taffettwa proċeduri kriminali pendenti u li kien urġenti li din l-inċertezza titneħħa. F'dan id-dawl, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja osserva li risposta mogħtija fi żmien qasir kienet ta' natura li tneħħi dawn l-inċertezzi u li, sa fejn dawn tal-aħħar jikkonċernaw kwistjonijiet fundamentali tad-dritt kostituzzjonali nazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni, kienet iġġustifikata l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari.

[40] Ara wkoll is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2017 (Awla Manja), M.A.S. u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:936).
[41] Sentenza tat-8 ta' Settembru 2015 (C-105/14, EU:C:2015:555).

***Digrieti tas-26 ta' Settembru 2018, Zakład Ubezpieczeń Społecznych (C-522/18, EU:C:2018:786), u tal-15 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-619/18, EU:C:2018:910)***

*"Proċedura mħaffa"*

Dawn iż-żewġ kawżi kienu jikkonċernaw il-konformità ta' liġi Pollakka ġdida [42] mad-dritt tal-Unjoni. Din il-liġi, li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' April 2018, naqqset l-età tal-irtirar tal-Membri tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), minn 70 sena għal 65 sena, u ffissat il-kundizzjonijiet li fihom dawn il-Membri setgħu, jekk ikun il-każ, jiġu awtorizzati jkomplu jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom. F'dan ir-rigward, kien previst, minn naħa, li din il-liġi kienet tapplika għall-Imħallfin diġà fil-kariga, li kienu ġew innominati bħala Mħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha, u, min-naħa l-oħra, li l-President tar-Repubblika tal-Polonja kellu s-setgħa diskrezzjonali li jestendi l-funzjoni ġudizzjarja attiva ta' dawn l-Imħallfin wara li jagħlqu l-65 sena.

Fil-kawża Zakład Ubezpieczeń Społecznych (C-522/18), kulleġġ ġudikanti ordinarju tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) kien iddifferixxa, qabel ma ta deċiżjoni, numru ta' kwistjonijiet lill-kulleġġ ġudikanti estiż ta' dik il-qorti. Fl-istadju inizjali tal-eżami ta' dawn il-kwistjonijiet, is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) osservat li l-mandati ta' tnejn mill-membri tal-kulleġġ ġudikanti estiż tagħha kienu potenzjalment ikkonċernati mill-imsemmija liġi. Madankollu, is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), fil-kulleġġ ġudikanti estiż, esprimiet dubji dwar il-konformità ta' din il-liġi mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' eventwali ksur tal-prinċipji ta' Stat tad-dritt, ta' inamovibbiltà u ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura, kif ukoll tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba l-età. Barra minn hekk, hija qieset li kienet meħtieġa kjarifika mill-Qorti tal-Ġustizzja u għalhekk għamlet talba għal deċiżjoni preliminari. Il-qorti nazzjonali talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari billi sostniet li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba kienet essenzjali sabiex tkun tista' teżerċita l-kompetenza ġudizzjarja tagħha b'mod legali u inkonformità mal-prinċipju ta' ċertezza legali (digriet tas-26 ta' Settembru 2018, Zakład Ubezpieczeń Społecznych, C-522/18, EU:C:2018:786, punt 12).

Fl-istess ħin, fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-619/18), il-Kummissjoni ppreżentat, taħt l-Artikolu 258 TFUE, rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika tal-Polonja għaliex qieset li, bl-adozzjoni tal-imsemmija liġi, din tal-aħħar kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u taħt l-Artikolu 47 tal-Karta. Il-Kummissjoni talbet ukoll li din il-kawża tkun is-suġġett ta' proċedura mħaffa, filwaqt li esprimiet dubji dwar il-kapaċità stess tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) li tkompli tiddeċiedi b'rispett tad-dritt fundamentali ta' kull individwu li jkollu aċċess għal qorti indipendenti (digriet tal-15 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-619/18, EU:C:2018:910, punt 20).

[42] Ustawa o Sądzie Najwyższym (il-Liġi dwar is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema)), tat-8 ta' Diċembru 2017 (Dz. U. de 2018, intestatura 5).

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' dawn iż-żewġ talbiet, filwaqt li enfasizza l-gravità tal-inċertezzi tal-qorti tar-rinviju u tal-Kummissjoni u filwaqt li indika li l-għoti ta' risposta fi żmien qasir kien ta' natura li jneħħi dawn l-inċertezzi.

Fir-rigward tal-gravità tal-inċertezzi, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja osserva li dawn kienu jikkonċernaw kwistjonijiet importanti tad-dritt tal-Unjoni marbuta, b'mod partikolari, mal-indipendenza ġudizzjarja u li jikkonċernaw il-konsegwenzi li l-interpretazzjoni ta' dan id-dritt seta' jkollha fuq il-kompożizzjoni u l-funzjonament stess tal-qorti suprema Pollakka. F'dan id-dawl, minn naħa, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja fakkar li r-rekwiżit ta' indipendenza tal-membri tal-ġudikatura jagħmel parti mill-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, li huwa ta' importanza kardinali billi jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet kollha li l-individwi jgawdu bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni u l-ħarsien tal-valuri komuni għall-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari, tal-valur tal-Istat tad-dritt. Min-naħa l-oħra, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja enfasizza li l-inċertezzi inkwistjoni fil-kawżi ineżami seta' jkollhom ukoll impatt fuq il-funzjonament tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari previst fl-Artikolu 267 TFUE, li huwa l-element ċentrali tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, l-indipendenza tal-qrati nazzjonali, u b'mod partikolari dik tal-qrati li, bħas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), jiddeċiedu fl-aħħar istanza, hija essenzjali (digrieti tas-26 ta' Settembru 2018, Zakład Ubezpieczeń Społecznych, C-522/18, EU:C:2018:786, punt 15, u tal-15 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-619/18, EU:C:2018:910, punti 21, 22 u 25).

Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li, fid-digriet Il-Kummissjoni vs Il-Polonja [43], il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja wieġeb ukoll għall-allegazzjonijiet tar-Repubblika tal-Polonja fis-sens li l-applikazzjoni ta' proċedura mħaffa kienet ser taffettwa d-drittijiet tad-difiża tagħha. Fil-fatt, din tal-aħħar kienet qiegħda tikkritika l-fatt li l-Istat konvenut jkollu jippreżenta l-argumenti kollha tiegħu f'nota waħda biss u li l-proċedura ma tagħtix lok għal replika u għal kontroreplika. Hija argumentat ukoll li l-Kummissjoni kienet damet sabiex tressaq il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u li dan id-dewmien ma setax jiġi kkumpensat b'tali restrizzjoni tad-drittijiet proċedurali tagħha. Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja fakkar li huwa minnu li, fil-każ li tiġi applikata l-proċedura mħaffa, ir-rikors u r-risposta ma jistgħux jiġu kkompletati permezz ta' replika u ta' kontroreplika ħlief fil-każ li l-President tal-Qorti tal-Ġustizzja jqis, wara li jinstemgħu l-Imħallef Relatur u l-Avukat Ġenerali, li dawn ikunu neċessarji. Madankollu, fil-każ li ma tiġix awtorizzata l-preżentata ta' replika, ma deherx kif, fl-assenza ta' tali replika u għalhekk ta' argumenti u ta' punti li jikkompletaw dawk li jinsabu fir-rikors u li għalihom il-konvenut kellu l-possibbiltà jwieġeb fir-risposta tiegħu, l-imsemmi konvenut seta' jallega li d-drittijiet tad-difiża tiegħu kienu affettwati mill-fatt li ma kienx jista' jippreżenta kontroreplika. Barra minn hekk, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja fakkar li qabel il-proċeduri għall-konstatazzjoni ta'

43 Digriet tal-15 ta' Novembru 2018, (C-619/18, EU:C:2018:910).

nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jkun hemm proċedura prekontenzjuża li matulha l-partijiet ikollhom l-opportunità jesponu u jelaboraw l-argumenti li eventwalment jiġu sussegwentement żviluppati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

***Digriet tad-19 ta' Ottubru 2018, Wightman et (C-621/18, EU:C:2018:851)*** [44]

*"Proċedura mħaffa"*

Din il-kawża tressqet wara n-notifika, fid-29 ta' Marzu 2017, mill-Prime Minister (il-Prim Ministru, ir-Renju Unit), tal-intenzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li joħroġ mill-Unjoni, skont l-Artikolu 50 TUE. F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li kienu jinkludu Membru tal-Parliament of the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland (il-Parlament tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq), żewġ Membri tal-iScottish Parliament (il-Parlament Skoċċiż, ir-Renju Unit) u tliet Membri tal-Parlament Ewropew, ippreżentaw rikors għal stħarriġ ġudizzjarju intiż li tinkiseb sentenza dikjaratorja li tispeċifika jekk, meta u kif l-imsemmija notifika setgħet tiġi rrevokata unilateralment.

Il-Court of Session, Inner House, First Division (Scotland) (il-Qorti Suprema Ċivili, Sede ta' Appell, L-Ewwel Awla, l-Iskozja, ir-Renju Unit), adita b'appell miċ-ċaħda ta' dan ir-rikors, laqgħet it-talba tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali sabiex titressaq talba għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt, għall-kuntrarju tal-qorti tal-ewwel istanza, l-imsemmija qorti qieset li la kien akkademiku u lanqas prematur li ssir domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk Stat Membru jistax jirrevoka unilateralment in-notifika magħmula taħt l-Artikolu 50(2) TUE, qabel jintemm il-perijodu ta' sentejn previst f'dan l-artikolu, u b'hekk jibqa' fl-Unjoni. Għall-kuntrarju, hija qieset li risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkjarifika l-possibbiltajiet disponibbli għall-Membri tal-Parlament meta jiġu biex jivvotaw dwar dawn is-suġġetti.

Il-Court of Session, Inner House, First Division (Scotland) (il-Qorti Suprema Ċivili, Sede ta' Appell, L-Ewwel Awla, l-Iskozja) talbet l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari. Hija enfasizzat in-natura urġenti tat-talba tagħha minħabba, minn naħa, it-terminu ta' sentejn li beda jiddekorri fid-29 ta' Marzu 2017 u li għalih kienet suġġetta din il-proċedura ta' ħruġ, u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jiġu organizzati, ferm qabel id-29 ta' Marzu 2019, id-dibattiti u l-votazzjoni fil-Parlament tar-Renju Unit dwar dan is-suġġett.

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja qies li l-qorti tar-rinviju kienet ippreżentat raġunijiet li jikkaratterizzaw b'mod ċert l-urġenza li tingħata deċiżjoni. F'dan id-dawl, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja fakkar li, meta kawża tqajjem inċertezzi gravi li jikkonċernaw kwistjonijiet fundamentali tad-dritt kostituzzjonali nazzjonali u tad-dritt tal-Unjoni, jista' jkun meħtieġ, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' tali kawża, li din il-kawża tiġi ttrattata

[44] Ara wkoll is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018 (Seduta Plenarja), Wightman et. (C-621/18, EU:C:2018:999).

fi żmien qasir. B'hekk, fid-dawl tal-importanza fundamentali għar-Renju Unit u għall-ordinament kostituzzjonali tal-Unjoni li tirrappreżenta l-implimentazzjoni tal-Artikolu 50 TUE, iċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża kienu, skont il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, ta' natura li jiġġustifikaw it-trattament tagħha fi żmien qasir.

***Sentenza tat-22 ta' Frar 2022 (Awla Manja), RS (Effett tas-sentenzi ta' qorti kostituzzjonali) (C-430/21, EU:C:2022:99)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Stat tad-dritt – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Assenza ta' setgħa ta' qorti nazzjonali sabiex teżamina l-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali meqjusa konformi mal-kostituzzjoni mill-qorti kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat – Proċeduri dixxiplinari"*

F'din il-kawża, l-individwu kkonċernat kien ġie kkundannat wara proċedura kriminali fir-Rumanija. Il-konjuġi tiegħu ressqet ilment kontra, b'mod partikolari, diversi maġistrati fejn allegat li wettqu ksur fil-kuntest tal-imsemmija proċedura kriminali. Sussegwentement, l-individwu kkonċernat ippreżenta rikors quddiem il-Curtea de Apel Craiova (il-Qorti tal-Appell ta' Craiova, ir-Rumanija), sabiex jikkontesta n-natura eċċessiva tat-tul tal-proċeduri kriminali miftuħa wara dan l-ilment.

Sabiex tagħti deċiżjoni dwar dan ir-rikors, il-Curtea de Apel Craiova (il-Qorti tal-Appell ta' Craiova) kellha tevalwa l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet stabbilixxiet taqsima speċjalizzata fi ħdan il-ministeru pubbliku responsabbli għall-investigazzjonijiet ta' reati mwettqa fis-sistema ġudizzjarja Rumena. Madankollu, dik il-qorti ma kellhiex is-setgħa teżamina l-konformità ta' din il-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni fid-dawl tas-sentenza tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) mogħtija wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Asociaţia "Forumul Judecătorilor din România" *et* [45].

F'dan il-kuntest, il-Curtea de Apel Craiova (il-Qorti tal-Appell ta' Craiova) iddeċidiet li tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi kkjarifikat, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix l-assenza tas-setgħa ta' qorti nazzjonali tad-dritt ordinarju li teżamina l-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' tali leġiżlazzjoni nazzjonali u jekk jipprekludix l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet dixxiplinari fuq din il-qorti għar-raġuni li tkun iddeċidiet li twettaq tali eżami.

Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju talbet li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jiġi suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari jew, sussidjarjament, għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari minħabba li l-kawża li fiha sar dan ir-rinviju

[45] Sentenza tat-18 ta' Mejju 2021 (Awla Manja), Asociaţia "Forumul Judecătorilor Din România" *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod partikolari, li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni kienet kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni sa fejn il-ħolqien ta' tali taqsima speċjalizzata ma kienx iġġustifikat minn rekwiżiti imperattivi oġġettivi u verifikabbli bbażati fuq l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u ma kienx marbut ma' garanziji speċifiċi identifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-punt 5 tad-dispożittiv ta' din is-sentenza).

għal deċiżjoni preliminari kienet tikkonċerna ksur gravi tal-indipendenza tal-qrati Rumeni u minħabba li l-inċertezzi marbuta mal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali seta' jkollhom impatt fuq il-funzjonament tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja stabbilita permezz tal-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari previst fl-Artikolu 267 TFUE.

Filwaqt li ċaħad it-talba għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li jilqa' t-talba għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari minħabba li risposta fi żmien qasir kienet ta' natura li tneħħi l-inċertezzi gravi li kellha quddiemha l-qorti tar-rinviju fir-rigward ta' kwistjonijiet importanti tad-dritt tal-Unjoni u tad-dritt kostituzzjonali marbuta b'mod partikolari mal-indipendenza ġudizzjarja, inċertezzi li seta' jkollhom konsegwenzi iktar ġenerali fuq is-sistema ġudizzjarja kkonċernata kollha.

## 1.3. Ċaħda tal-libertà tar-rikorrent

***Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Junqueras Vies (C-502/19,*** **EU:C:2019:1115)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura mħaffa – Dritt istituzzjonali – Ċittadin tal-Unjoni Ewropea elett fil-Parlament Ewropew filwaqt li qiegħed f'detenzjoni provviżorja fil-kuntest ta' proċedura kriminali – Artikolu 14 TUE – Kunċett ta' 'Membru tal-Parlament Ewropew' – Artikolu 343 TFUE – Immunitajiet neċessarji għat-twettiq tal-missjoni tal-Unjoni – Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 9 – Immunitajiet lill-Membri tal-Parlament Ewropew – Immunità ta' traġitt – Immunitajiet ta' sessjonijiet – Kampijiet ta' applikazzjoni ratione personae, ratione temporis u ratione materiae ta' dawn id-diversi immunitajiet – Tneħħija ta' immunità mill-Parlament Ewropew – Talba għat-tneħħija ta' immunità minn qorti nazzjonali – Att li jikkonċerna l-elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali – Artikolu 5 – Mandat – Artikolu 8 – Proċedura elettorali – Artikolu 12 – Verifika tas-setgħat tal-membri tal-Parlament Ewropew wara l-proklamazzjoni uffiċjali tar-riżultati elettorali – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 39(2) – Elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali, liberu u sigriet – Dritt ta' eliġibbiltà"*

F'din il-kawża, politiku elett fil-Parlament Ewropew fl-elezzjonijiet tas-26 ta' Mejju 2019 kien ippreżenta rikors kontra digriet tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) li permezz tiegħu dik il-qorti rrifjutat li tagħtih awtorizzazzjoni straordinarja sabiex joħroġ mill-ħabs. Fil-fatt, l-individwu kkonċernat kien tqiegħed taħt detenzjoni provviżorja qabel dawn l-elezzjonijiet fil-kuntest ta' proċedura kriminali miftuħa kontrih minħabba l-parteċipazzjoni tiegħu fl-organizzazzjoni tar-referendum ta' awtodeterminazzjoni li kien inżamm fl-1 ta' Ottubru 2017 fil-Komunità Awtonoma ta' Cataluña. Huwa kien talab din l-awtorizzazzjoni sabiex ikun jista' jwettaq formalità meħtieġa mid-dritt Spanjol wara l-proklamazzjoni tar-riżultati, formalità li kienet tikkonsisti fit-teħid ta' ġurament jew ta' impenn li tiġi osservata l-Kostituzzjoni Spanjola quddiem kummissjoni elettorali ċentrali,

u sabiex imbagħad ikun jista' jmur il-Parlament Ewropew bil-għan li jieħu sehem fl-ewwel sessjoni tal-leġiżlatura l-ġdida.

It-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) għamlet diversi domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Protokoll (Nru 7) dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2012, C 326, p. 266) li ma kinux rilevanti għall-preparazzjoni tad-deċiżjoni tagħha fuq il-mertu tal-proċedura kriminali miftuħa kontra l-individwu kkonċernat iżda li kienu rilevanti għall-finijiet tat-teħid ta' deċiżjoni dwar ir-rikors ippreżentat minn dan tal-aħħar kontra d-digriet ikkonċernat. Wara li għamlet dan ir-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju, fl-14 ta' Ottubru 2019, ikkundannat lill-individwu kkonċernat għal piena ta' tlettax-il sena priġunerija kif ukoll, għall-istess tul ta' żmien, għal piena ta' inkapaċità assoluta li jeżerċita karigi jew funzjonijiet pubbliċi.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju talbet l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari. Insostenn tat-talba tagħha, hija sostniet, essenzjalment, li d-domandi preliminari tagħha kienu jolqtu l-kwalità ta' Membru tal-Parlament Ewropew kif ukoll il-kompożizzjoni ta' din l-istituzzjoni, li r-risposti tal-Qorti tal-Ġustizzja għal dawn id-domandi preliminari setgħu indirettament iwasslu għal sospensjoni tas-sitwazzjoni ta' ċaħda tal-libertà li kien jinsab fiha l-individwu kkonċernat, u li din is-sitwazzjoni ta' ċaħda tal-libertà kienet tikkorrispondi għal dik prevista fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE.

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talba għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari. F'dan ir-rigward, huwa rrileva li, l-ewwel nett, l-individwu konċernat kien jinsab taħt detenzjoni provviżorja fid-data li fiha kienet tressqet it-talba għal deċiżjoni preliminari, b'tali mod li d-domandi preliminari magħmula mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) kellhom jitqiesu daqs li kieku tqajmu fil-kuntest ta' tilwima dwar persuna miżmuma f'kustodja fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, u, it-tieni nett, dawn id-domandi kienu intiżi li tinkiseb l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li, min-natura tagħha stess, seta' jkollha impatt fuq iż-żamma taħt detenzjoni tal-individwu kkonċernat fil-każ li din id-dispożizzjoni tkun applikabbli għalih.

## 1.4. Impatt fuq il-familja

***Sentenza tal-14 ta' Diċembru 2021 (Awla Manja), Stolichna obshtina, rayon "Pancharevo" (C-490/20,* EU:C:2021:1008)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Artikoli 20 u 21 TFUE – Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri – Wild imwieled fl-Istat Membru ospitanti tal-ġenituri tiegħu – Att ta' twelid maħruġ minn dan l-Istat Membru li jsemmi żewġ ommijiet għal dan il-wild – Rifjut mill-Istat Membru ta' oriġini ta' waħda minn dawn iż-żewġ ommijiet li joħroġ att ta' twelid tal-imsemmi wild fl-assenza ta' informazzjoni dwar l-identità tal-omm bijoloġika tiegħu – Pussess ta' tali att li jikkostitwixxi l-kundizzjoni għall-ħruġ ta' karta tal-*

*identità jew passaport – Leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dan l-Istat Membru ta' oriġini li ma taċċettax il-paternità ta' persuni tal-istess sess"*

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn ċittadina Bulgara u l-iStolichna obshtina, rayon "Pancharevo" (il-komun ta' Sofija, distrett amministrattiv ta' Pancharevo, il-Bulgarija) (iktar 'il quddiem il-"komun ta' Sofija"), kienet tikkonċerna r-rifjut ta' dan tal-aħħar li joħroġ att tat-twelid għat-tifla ta' din iċ-ċittadina Bulgara u tal-konjuġi tagħha, ċittadina tar-Renju Unit. L-att tat-twelid ta' din it-tifla, imwielda fl-2019, maħruġ mill-awtoritajiet Spanjoli, kien isemmi liż-żewġ ommijiet bħala l-ġenituri tagħha. Huma kienu jirrisjedu flimkien ma' binthom fi Spanja.

Il-persuna kkonċernata ppreżentat applikazzjoni quddiem il-komun ta' Sofija filwaqt li pprovdiet traduzzjoni bil-Bulgaru, legalizzata u ċċertifikata, tal-estratt mir-reġistru tal-istat ċivili Spanjol dwar l-att tat-twelid tat-tifla. Il-komun ta' Sofija rrikjeda provi dwar il-filjazzjoni tat-tifla, speċifikament l-identità tal-omm bijoloġika tagħha, sa fejn il-formola Bulgara tat-twelid kellha biss entrata waħda għall-"omm" u entrata oħra għall-"missier". Il-persuna kkonċernata rrifjutat li tagħti din l-informazzjoni u dan wassal lill-komun ta' Sofija jirrifjuta li joħroġ l-att tat-twelid mitlub, filwaqt li invoka l-fatt li l-indikazzjoni ta' żewġ ġenituri ta' sess femminil kienet tmur kontra l-ordni pubbliku Bulgaru, li ma jawtorizzax iż-żwieġ bejn żewġ persuni tal-istess sess.

Adita b'rikors kontra din id-deċiżjoni ta' ċaħda, l-Administrativen sad Sofia-grad (il-Qorti Amministrattiva ta' Sofija, il-Bulgarija) kellha dubju, fost oħrajn, dwar jekk ir-rifjut tal-awtoritajiet Bulgari li jirreġistraw it-twelid ta' wild imwieled fi Stat Membru ieħor, b'att tat-twelid li jsemmi żewġ ommijiet, kienx imur kontra d-drittijiet tal-wild taħt l-Artikolu 4(2) TUE, l-Artikoli 20 u 21 TFUE kif ukoll l-Artikoli 7, 9, 24 u 45 tal-Karta.

Dik il-qorti talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari filwaqt li spjegat li r-rifjut tal-awtoritajiet Bulgari li joħorġu lit-tifla kkonċernata, ċittadina Bulgara, att tat-twelid kien ser joħloq, għal din it-tifla, diffikultajiet serji sabiex tikseb dokument tal-identità Bulgaru u, għalhekk, sabiex teżerċita d-dritt tagħha li tiċċaqlaq u tirrisjedi b'mod liberu fit-territorju tal-Istati Membri, iggarantit fl-Artikolu 21 TFUE.

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li jilqa' t-talba għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari u bbaża din id-deċiżjoni fuq il-fatt li t-tifla kkonċernata kienet ta' età żgħira u kienet qiegħda tiġi mċaħħda minn passaport, filwaqt li kienet tirrisjedi fi Stat Membru li ma kellhiex in-nazzjonalità tiegħu. Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja indika wkoll li, peress li d-domandi magħmula kienu intiżi li jiġi ddeterminat jekk l-awtoritajiet Bulgari kinux obbligati joħorġu att tat-twelid għal din it-tifla u peress li mit-talba għal deċiżjoni preliminari kien jirriżulta li tali att kien neċessarju, skont id-dritt nazzjonali, sabiex ikun jista' jinkiseb passaport Bulgaru, risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja fi żmien qasir setgħet tikkontribwixxi sabiex din it-tifla jkollha passaport fi żmien iqsar.

## 1.5. Riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali

***Digriet tal-15 ta' Lulju 2010, Purrucker (C-296/10, EU:C:2010:446)***

*"Proċedura mħaffa"*

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn ċittadina Ġermaniża u ċittadin Spanjol, kienet tikkonċerna d-dritt ta' kustodja fuq it-tewmin tagħhom. Inqas minn sena wara t-twelid tat-tewmin, il-ġenituri sseparaw u kkonkludew ftehim quddiem nutar li kkonferma x-xewqa tal-omm li tmur lura fil-pajjiż ta' oriġini tagħha flimkien mat-tfal. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar hija ħadet biss wieħed mit-tewmin fil-Ġermanja u l-ieħor kellu jibqa' temporanjament fi Spanja flimkien mal-missier minħabba raġunijiet mediċi. Ma kien hemm ebda bidla ulterjuri fis-sitwazzjoni tal-familja.

Il-ġenituri fetħu diversi proċeduri. B'hekk, fi Spanja, il-missier talab, u kiseb, miżuri provviżorji, għalkemm ma kienx eskluż li din il-proċedura setgħet titqies li kienet proċedura fuq il-mertu intiża li tagħti d-dritt ta' kustodja fuq it-tfal. Huwa mbagħad talab, fil-Ġermanja, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni Spanjola li tordna l-imsemmija miżuri. Din il-proċedura wasslet għas-sentenza Purrucker [46]. Fl-istess ħin, l-omm fetħet, fil-Ġermanja, kawża fuq il-mertu dwar id-dritt ta' kustodja fuq iż-żewġt itfal, li ġiet assenjata lill-Amtsgericht Stuttgart (il-Qorti Distrettwali ta' Stuttgart, il-Ġermanja).

Din il-qorti tal-aħħar għalhekk għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda dwar jekk, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, li jorganizza l-każijiet ta' *lis alibi pendens* fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri, il-qorti adita b'talba għal miżuri provviżorji (f'dan il-każ, il-qorti Spanjola) kellhiex titqies li kienet l-"ewwel qorti adita" fir-rigward ta' qorti ta' Stat Membru ieħor li quddiemha kienet infetħet kawża fuq il-mertu bl-istess suġġett (f'dan il-każ l-Amtsgericht Stuttgart (il-Qorti Distrettwali ta' Stuttgart)).

L-Amtsgericht Stuttgart (il-Qorti Distrettwali ta' Stuttgart) talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari, filwaqt li osservat li l-kwistjoni kontenzjuża tal-ġurisdizzjoni taż-żewġ qrati aditi bl-istess kawża, fi Stati Membri differenti, ma kinitx għadha ffaċilitat, minkejja t-tul tal-proċedura, l-eżami tal-kwistjoni li kienet tinsab verament fil-qofol tal-proċeduri. Skont l-imsemmija qorti, dawn iċ-ċirkustanzi kienu qed jinfluwenzaw l-aġir tal-partijiet b'mod li kien ta' ħsara għar-rabtiet familjali tal-ulied. Fil-fatt, it-tfal kienu ilhom tliet snin ma jkollhom kuntatt personali ma' xulxin u mal-ġenitur l-ieħor. Barra minn hekk, l-Amtsgericht Stuttgart (il-Qorti Distrettwali ta' Stuttgart) indikat li t-teħid ta' responsabbiltà għall-wild miċ-ċittadina Ġermaniża, b'mod partikolari t-teħid ta' responsabbiltà medika u r-reġistrazzjoni tiegħu fi stabbiliment skolastiku, kien jiddependi mis-sitwazzjoni legali tal-wild. Issa, dan it-teħid ta' responsabbiltà kien f'dak iż-żmien affettwat mid-dubju dwar il-validità u r-rikonoxximent, fil-Ġermanja, tal-miżura

[46] Sentenza tal-15 ta' Lulju 2010 (C-256/09, EU:C:2010:437)..

provviżorja meħuda fil-qasam tad-dritt ta' kustodja mill-qorti Spanjola. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl taż-żmien li kien diġà għadda minħabba l-eżistenza ta' diversi proċeduri, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li kien meħtieġ li l-qorti tar-rinviju tingħata risposti għad-domandi magħmula fi żmien qasir, u dan kien għalhekk jiġġustifika l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari.

***Digriet tad-9 ta' Settembru 2011, Dereci et (C-256/11, EU:C:2011:571)*** [47]

*"Proċedura mħaffa"*

F'din il-kawża, ħames ċittadini ta' Stati terzi xtaqu jgħixu fl-Awstrija, flimkien ma' membri tal-familja tagħhom (il-konjuġi tagħhom, it-tfal tagħhom jew il-ġenituri tagħhom), li kienu ċittadini tal-Unjoni residenti f'dan l-Istat, li tiegħu kellhom in-nazzjonalità. Madankollu, dawn iċ-ċittadini tal-Unjoni qatt ma kienu eżerċitaw id-dritt ta' moviment liberu tagħhom. Barra minn hekk, b'differenza minn uħud miċ-ċittadini ta' Stati terzi kkonċernati, iċ-ċittadini tal-Unjoni ma kinux dipendenti, ekonomikament, fuq dawn tal-aħħar. L-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' residenza, ippreżentati mill-ħames ċittadini ta' Stati terzi, kienu ġew miċħuda u, fir-rigward ta' erba' minnhom, inħarġu ordnijiet ta' tkeċċija u miżuri ta' tneħħija.

Adita f'dan il-kuntest, il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija) kellha dubju dwar jekk l-indikazzjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Ruiz Zambrano [48] kinux japplikaw għal wieħed jew iktar mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

Il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva) talbet li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari tagħha jiġi suġġett għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari. Insostenn ta' din it-talba, hija invokat l-eżistenza ta' deċiżjonijiet ta' tneħħija mit-territorju, meħuda fil-konfront tal-parti l-kbira tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li, jekk jiġu eżegwiti, kienu ser jaffettwawhom personalment kif ukoll lill-membri tal-familja tagħhom. F'dan id-dawl, ġie speċifikat li fir-rigward minn tal-inqas wieħed mir-rikorrenti kien ġie miċħud l-effett sospensiv tal-appell ippreżentat kontra l-ordni ta' tkeċċija fir-rigward tiegħu u li l-miżura ta' tneħħija setgħet għalhekk tiġi eżegwita f'kull mument. B'mod ġenerali, il-qorti nazzjonali insistiet fuq il-fatt li t-theddida ta' tneħħija imminenti eżistenti fil-konfront tar-rikorrenti kienet iċċaħħadhom mill-possibbiltà li jgħixu ħajja tal-familja normali, sa fejn kienet tqiegħdhom f'pożizzjoni ta' inċertezza. Barra minn hekk, il-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva) indikat li hija kienet attwalment adita, bħall-awtoritajiet amministrattivi Awstrijaċi, b'numru kbir ta' kawżi simili u li kienet mistennija żieda f'dawn it-tip ta' kawżi fil-futur qarib, b'konsegwenza tas-sentenza Ruiz Zambrano [49].

---

[47] Ara wkoll is-sentenza tal-15 ta' Novembru 2011 (Awla Manja), Dereci *et* (C-256/11, EU:C:2011:734).
[48] Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011 (Awla Manja) Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124).
[49] Sentenza tat-8 ta' Marzu 2011 (Awla Manja), Ruiz Zambrano (C-34/09, EU:C:2011:124, punti 12, 13 u 15).

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li jilqa' t-talba għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari. Għal dan il-għan, huwa l-ewwel nett fakkar li d-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja jagħmel parti mid-drittijiet fundamentali protetti fl-ordinament ġuridiku Komunitarju u li dan id-dritt kien ikkonfermat fl-Artikolu 7 tal-Karta. It-tieni nett, huwa enfasizza li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi magħmula kienet ser tkun ta' natura li tneħħi l-inċertezza li taffettwa s-sitwazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali u li, għaldaqstant, l-għoti ta' risposta fi żmien qasir kellu jikkontribwixxi sabiex titneħħa iktar malajr din l-inċertezza li tipprekludihom milli jkollhom ħajja tal-familja normali.

***Digriet tas-6 ta' Mejju 2014, G. (C-181/14, EU:C:2014:740)***

*"Proċedura mħaffa"*

F'din il-kawża, ippreżentata iktar 'il fuq [50], il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet it-talba għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-qorti tar-rinviju. Madankollu, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li jissottometti *ex officio* din il-kawża għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt, huwa qies li tali applikazzjoni kienet meħtieġa meta ż-żamma taħt detenzjoni ta' persuna tiddependi esklużivament mir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju. F'dan id-dawl, huwa fakkar b'mod partikolari li r-raba' paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE jipprevedi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi fl-iqsar żmien possibbli jekk il-kawża pendenti quddiem il-qorti nazzjonali tkunx tikkonċerna persuna taħt detenzjoni.

***Digriet tal-5 ta' Ġunju 2014, Sánchez Morcillo u Abril García (C-169/14, EU:C:2014:1388)***

*"Proċedura mħaffa"*

F'din il-kawża, persuni fiżiċi kienu kisbu self mingħand bank, liema self kien marbut ma' garanzija ipotekarja li kienet tkopri r-residenza prinċipali tagħhom. Minħabba li naqsu milli jħallsu l-ħlasijiet mensili dovuti għall-ħlas lura ta' dan is-self, kienet infetħet proċedura ta' qbid ipotekarju intiża għall-bejgħ forzat tal-proprjetà immobbli kkonċernata. L-individwi kkonċernati kienu għalhekk oġġezzjonaw għal din il-proċedura ta' qbid u, wara li l-oġġezzjoni tagħhom ġiet miċħuda, ippreżentaw appell quddiem l-Audiencia Provincial de Castellón (il-Qorti Provinċjali ta' Castellón, Spanja).

[50] Ara, iktar 'il fuq, fil-Parti I ta' dan id-dokument, intitolata "Il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari", il-punt "1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari".

Dik il-qorti spjegat li, għalkemm il-proċedura ċivili Spanjola [51] kienet tippermetti l-preżentata ta' appell mid-deċiżjoni li, filwaqt li tilqa' l-oġġezzjoni mressqa minn debitur, tagħlaq il-proċedura ta' qbid ipotekarju, l-istess proċedura ċivili, għall-kuntrarju, ma kinitx tippermetti lid-debitur li l-oġġezzjoni tiegħu tkun ġiet miċħuda jippreżenta appell mis-sentenza tal-ewwel istanza li tordna t-tkomplija tal-proċedura ta' eżekuzzjoni forzata. Madankollu, l-imsemmija qorti kellha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi mfittex mid-Direttiva 93/13 [52], kif ukoll mad-dritt għal rimedju effettiv, irrikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta. F'dan id-dawl, hija enfasizzat li l-ftuħ tar-rimedju ta' appell għad-debituri seta' jkun iktar u iktar determinanti fid-dawl tal-fatt li ċerti klawżoli tal-kuntratt ta' self inkwistjoni setgħu jitqiesu li kienu inġusti, fis-sens tad-Direttiva 93/13.

F'dan il-kuntest, l-Audiencia Provincial de Castellón (il-Qorti Provinċjali ta' Castellón) talbet l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari filwaqt li enfasizzat li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja seta' jkollha konsegwenzi kontenzjużi importanti fi Spanja. Fil-fatt, f'kuntest ta' kriżi ekonomika, numru eċċezzjonali ta' persuni fiżiċi kienu s-suġġett ta' miżuri ta' qbid ipotekarju tar-residenzi tagħhom. Barra minn hekk, fir-rigward, b'mod speċifiku, tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, l-oġġezzjoni mressqa ma kellhiex effett sospensiv u r-residenzi tagħhom setgħu jinbiegħu bi rkant saħansitra qabel ma l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti d-deċiżjoni tagħha.

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja indika li kien minnu li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li n-numru kbir ta' persuni jew ta' sitwazzjonijiet legali potenzjalment ikkonċernati mid-deċiżjoni li kienet ser tingħata minn qorti tar-rinviju wara li tkun ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma kienx ta' natura, bħala tali, li jikkostitwixxi ċirkustanza eċċezzjonali ta' natura li tiġġustifika l-użu ta' proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari. Madankollu, f'dan il-każ, minbarra n-numru ta' debituri kkonċernati, ir-riskju, għall-proprjetarju, li jitlef ir-residenza prinċipali tiegħu kien iqiegħdu, kif ukoll lill-familja tiegħu, f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli. Dan il-fatt kien aggravat mill-kunsiderazzjoni li, jekk kellu jirriżulta li l-proċedura ta' eżekuzzjoni tkun ibbażata fuq kuntratt ta' self li jinkludi klawżoli inġusti li n-nullità tagħhom tiġi kkonstatata mill-qorti nazzjonali, in-nullità tal-proċedura ta' eżekuzzjoni marbuta magħhom tagħti lid-debitur inkwistjoni protezzjoni fil-forma ta' kumpens biss, u ma tippermettix l-istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni preċedenti li biha kellu l-kwalità ta' proprjetarju tar-residenza tiegħu. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi u tal-fatt li risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-iqsar żmien possibbli setgħet tillimita b'mod notevoli r-riskju li l-persuni kkonċernati jitilfu r-residenza tagħhom, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talba għal proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari.

---

51 Il-Ley 1/2013, de medidas para reforzar la protección a los deudores hipotecarios, reestructuración de deuda y alquiler social (il-Liġi Nru 1/2013 dwar Miżuri Intiżi li Jsaħħu l-Protezzjoni tad-Debituri Ipotekarji, ir-Ristrutturazzjoni tad-Dejn u l-Kera Soċjali), tal-14 ta' Mejju 2013 (BOE Nru 116, tal-15 ta' Mejju 2013, p. 36373), li temenda l-Ley de enjuiciamiento civil (il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili), tas-7 ta' Jannar 2000 (BOE Nru 7, tat-8 ta' Jannar 2000, p. 575), emendata bid-decreto-ley 7/2013 de medidas urgentes de naturaleza tributaria, presupuestarias y de fomento de la investigación, el desarrollo y la innovación (id-Digriet Liġi Nru 7/2013 dwar Miżuri Urġenti ta' Natura Fiskali u Baġitarja u li Jippromwovi r-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni), tat-28 ta' Ġunju 2013 (BOE Nru 155, tad-29 ta' Ġunju 2013, p. 48767).

52 Direttiva 93/13/KEE.

***Digriet tal-1 ta' Frar 2016, Davis et (C-698/15, EU:C:2016:70)*** [53]

*"Proċedura mħaffa"*

F'din il-kawża, persuni fiżiċi kienu qegħdin jikkontestaw il-legalità ta' leġiżlazzjoni Brittanika [54] li tawtorizza lis-Secretary of State for the Home Department (is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Interni, ir-Renju Unit) jobbliga lill-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet pubbliċi jżommu d-data kollha dwar komunikazzjonijiet elettroniċi għal perijodu massimu ta' tnax-il xahar, filwaqt li kienet madankollu eskluża ż-żamma tal-kontenut ta' dawn il-komunikazzjonijiet. Dawn il-persuni qiesu li l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali kienet inkompatibbli mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta u ma kinitx tosserva r-rekwiżiti stabbiliti fis-sentenza Digital Rights Ireland *et* [55], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddikjarat invalida d-Direttiva 2006/24 [56]. Peress li r-rikorsi tagħhom kienu ntlaqgħu fl-ewwel istanza, is-Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Interni appella quddiem il-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) (il-Qorti tal-Appell (Ingilterra u Wales) (Sezzjoni Ċivili), ir-Renju Unit). Din tal-aħħar għalhekk għamlet diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-portata tas-sentenza Digital Rights Ireland *et* [57].

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju talbet ukoll l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari. Insostenn ta' din it-talba, minn naħa, hija indikat li kien ikun tajjeb li din it-talba għal deċiżjoni preliminari tingħaqad, jew tiġi ttrattata flimkien, mal-kawża Tele2 Sverige (C-203/15), li kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Min-naħa l-oħra, hija sostniet li l-leġiżlazzjoni Brittanika inkwistjoni kellha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2016 u li kien hemm inċertezza dwar il-portata tas-sentenza Digital Rights Ireland *et* [58] fir-rigward ta' kull leġiżlazzjoni li setgħet tiġi adottata mill-Istati Membri fil-qasam taż-żamma ta' data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi.

Wara li kkonstata li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni setgħet timplika ndħil serju fid-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja qies li l-għoti ta' risposta fi żmien qasir seta' effettivament ikun ta' natura li jneħħi l-inċertezzi li kellha l-qorti tar-rinviju fir-rigward ta' dan l-eventwali ndħil u ta' eventwali ġustifikazzjoni ta' dan l-indħil. Barra minn hekk, skont il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-perijodu ta' validità tal-imsemmija leġiżlazzjoni kien jiġġustifika wkoll, fid-dawl tal-ispirtu ta' kooperazzjoni li jikkaratterizza r-relazzjonijiet bejn il-qrati tal-Istati Membri u l-Qorti tal-Ġustizzja, risposta urġenti. Għal dawn ir-raġunijiet, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li jissuġġetta l-kawża għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari.

---

53 Ara wkoll is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016 (Awla Manja), Tele2 Sverige u Watson *et* (C-203/15 u C-698/15, EU:C:2016:970).
54 Data Retention and Investigatory Powers Act 2014 (il-Liġi tal-2014 dwar iż-Żamma tad-Data u s-Setgħat ta' Investigazzjoni).
55 Sentenza tat-8 ta' April 2014 (Awla Manja), Digital Rights Ireland (C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238).
56 Direttiva 2006/24/KE.
57 Sentenza tat-8 ta' April 2014, Digital Rights Ireland *et* (C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238).
58 Sentenza tat-8 ta' April 2014, Digital Rights Ireland *et* (C-293/12 u C-594/12, EU:C:2014:238).

## 1.6. Stat ta' bżonn materjali

***Sentenza tal-15 ta' Lulju 2021 (Awla Manja), The Department for Communities in Northern Ireland (C-709/20, EU:C:2021:602)***

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Ċittadin ta' Stat Membru mingħajr attività ekonomika li jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor abbażi tad-dritt nazzjonali – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE – Nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità – Direttiva 2004/38/KE – Artikolu 7 – Kundizzjonijiet għall-kisba ta' dritt ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur – Artikolu 24 – Benefiċċji ta' għajnuna soċjali – Kunċett – Ugwaljanza fit-trattament – Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq – Perijodu ta' tranżizzjoni – Dispożizzjoni nazzjonali li teskludi mit-tgawdija tal-benefiċċju ta' għajnuna soċjali liċ-ċittadini tal-Unjoni li jkollhom dritt ta' residenza għal żmien determinat skont id-dritt nazzjonali – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 1, 7 u 24"*

F'din il-kawża, il-persuna kkonċernata, li kellha nazzjonalità doppja, dik Kroata u dik Olandiża, kienet ilha mill-2018 tgħix fir-Renju Unit mingħajr ma teżerċita attività ekonomika hemmhekk, flimkien mas-sieħeb tagħha, ta' nazzjonalità Olandiża, u maż-żewġ uliedhom, sakemm marret tgħix f'ċentru ta' akkoljenza għal nisa msawwta. Hija ma kellha ebda riżorsi.

Fl-4 ta' Ġunju 2020, il-Home Office (il-Ministeru għall-Intern, ir-Renju Unit) taha dritt ta' residenza temporanja fir-Renju Unit, abbażi ta' sistema Brittanika ġdida applikabbli għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu f'dan il-pajjiż, stabbilita fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. Fit-8 ta' Ġunju 2020, hija talbet għajnuna soċjali msejħa kreditu universali (Universal Credit) fl-Irlanda ta' Fuq, iżda t-talba tagħha ġiet miċħuda għaliex il-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet teskludi liċ-ċittadini tal-Unjoni li kellhom dritt ta' residenza mogħti abbażi tas-sistema l-ġdida mill-kategorija ta' benefiċjarji potenzjali tal-kreditu universali.

L-Appeal Tribunal (Northern Ireland) (il-Qorti tal-Appell tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit), adita b'rikors kontra dan ir-rifjut, kellha dubju dwar l-eventwali inkompatibbiltà tal-liġi Brittanika dwar il-kreditu universali mal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE.

F'dan il-kuntest, dik il-qorti talbet l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari filwaqt li invokat l-urġenza manifesta ta' din il-kawża u s-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli tal-persuna kkonċernata.

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talba għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-istat ta' bżonn materjali tal-persuna kkonċernata u ta' wliedha kif ukoll abbażi tal-impossibbiltà għal din tal-aħħar li tibbenefika, taħt id-dritt nazzjonali, mill-benefiċċji tal-assistenza soċjali.

## 1.7. Riskju ta' ħsara ambjentali gravi

***Digriet tat-13 ta' April 2016, Pesce et (C-78/16 u C-79/16, EU:C:2016:251)*** [59]

*"Proċedura mħaffa"*

Fil-kuntest ta' programm ta' prevenzjoni kontra l-firxa tal-batterju *Xylella fastidiosa*, is-Servizio Agricoltura della Regione Puglia (id-Dipartiment tal-Agrikoltura tar-Reġjun ta' Puglia, l-Italja) kien ordna lil diversi proprjetarji ta' artijiet agrikoli jaqtgħu s-siġar taż-żebbuġ li kienu jinsabu fuq l-art tagħhom u li kienu meqjusa li kienu ġew infettati minn dan il-batterju, kif ukoll il-pjanti kollha ospitanti li kienu jinsabu f'żona ta' 100 metru madwar dawn is-siġar taż-żebbuġ. L-imsemmija proprjetarji għalhekk ippreżentaw rikorsi intiżi għall-annullament ta' dawn id-deċiżjonijiet ta' tneħħija, għar-raġuni li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/789 [60], li fuqha kienu bbażati dawn id-deċiżjonijiet, kienet tmur kontra l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' prekawzjoni, u kienet ivvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali għal-Lazio, l-Italja), adita b'dawn ir-rikorsi, iddeċidiet li tissospendi temporanjament l-eżekuzzjoni tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni u li tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità, mad-dritt tal-Unjoni, tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/789.

Din il-qorti talbet ukoll li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari tagħha jiġi suġġett għall-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari. Insostenn ta' din it-talba, hija enfasizzat il-gravità tal-konsegwenzi li kienu ser jirriżultaw mill-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' tneħħija tal-pjanti, u dan għad-detriment mhux biss tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali iżda wkoll għall-pajsaġġ kollu, għall-attività ekonomika, għall-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art, għall-katina agroalimentari u għas-saħħa pubblika. Bl-istess mod, dawn id-deċiżjonijiet ma setgħux jiġu kklassifikati bħala provviżorji peress li l-effett tagħhom kien wieħed definittiv u irreversibbli fuq l-ekosistema tal-pjanti inkwistjoni.

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talba għal proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari. F'dan id-dawl, huwa kkonstata, minn naħa, li l-proroga tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' tneħħija tal-pjanti inkwistjoni setgħet tikkontribwixxi għall-firxa tal-batterju *Xylella* fl-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li l-implimentazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet setgħet timplika konsegwenzi irrimedjabbli għall-ekosistema u setgħet tikkawża dannu irreversibbli għar-rikorrenti.

[59] Ara wkoll is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Pesce *et* (C-78/16 u C-79/16, EU:C:2016:428).

[60] Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/789 tat-18 ta' Mejju 2015 fir-rigward ta' miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni ta' *Xylella fastidiosa* (Wells *et al*) (ĠU 2015, L 125, p. 36).

***Digriet tal-11 ta' Ottubru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-441/17, EU:C:2017:794)***

*"Proċedura mħaffa"*

Il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li r-Repubblika tal-Polonja kienet naqset milli twettaq ċerti obbligi tagħha taħt id-Direttivi 92/43 [61] (magħrufa bħala d-"Direttiva dwar il-habitats") u 2009/147 [62] (magħrufa bħala d-"Direttiva dwar l-għasafar"), minħabba l-operazzjonijiet ta' ġestjoni forestali previsti fil-foresta ta' Białowieża ("Puszcza Białowieska"), waħda mill-foresti naturali li jinsabu fl-aħjar stat ta' konservazzjoni fl-Ewropa, li hija inkluża fil-lista tal-patrimonju mondjali tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (Unesco). B'mod iktar preċiż, filwaqt li invoka l-firxa ta' insett li jikkawża ħsara (il-ħanfus saprossiliku), il-Minister Środowiska (il-Ministru għall-Ambjent, il-Polonja) kien approva emenda tal-pjan ta' ġestjoni forestali, emenda li ppermettiet żieda fl-isfruttament tal-injam kif ukoll operazzjonijiet fiż-żoni li fihom sa dak iż-żmien kien eskluż kull intervent. F'dan il-kuntest, kienet diġà bdiet it-tneħħija ta' diversi siġar.

F'dan il-każ, fl-ewwel lok, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja kien diġà aċċetta t-talba tal-Kummissjoni li din il-kawża tiġi suġġetta għal trattament bi prijorità. Fit-tieni lok, b'applikazzjoni tal-Artikolu 160(7) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja kien ordna lir-Repubblika tal-Polonja tissospendi l-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' ġestjoni forestali inkwistjoni sal-għoti tad-digriet li jagħlaq il-proċedura għal miżuri provviżorji miftuħa mill-Kummissjoni [63]. Minkejja dan, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda wkoll li japplika *ex officio* l-proċedura mħaffa. F'dan id-dawl, huwa kkonstata li t-tilwima bejn il-Kummissjoni u r-Repubblika tal-Polonja kienet timplika riskji imminenti u potenzjalment gravi għall-ambjent. Fil-fatt, minn naħa, skont ir-Repubblika tal-Polonja, il-proroga tas-sospensjoni tal-imsemmija operazzjonijiet ta' ġestjoni forestali setgħet tikkontribwixxi għall-firxa tal-insett li jikkawża ħsara, li kienet ser twassal għal impatt profond fuq l-ekosistema tal-foresta ta' Białowieża u, għaldaqstant, kienet ser tikkawża ħsara ambjentali li setgħet tkun ta' theddida diretta għall-ħajja u għas-saħħa tal-bniedem. Min-naħa l-oħra, skont il-Kummissjoni, l-implimentazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet setgħet tikkawża konsegwenzi irriversibbli fuq il-habitats naturali u fuq l-ispeċi ta' annimali, koperti mid-Direttiva dwar il-habitats u mid-Direttiva dwar l-għasafar, li għall-konservazzjoni tagħhom il-foresta ta' Białowieska kienet ġiet iddikjarata bħala sit Natura 2000. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja qies li risposta fl-iqsar żmien possibbli dwar il-konformità, mad-dritt tal-Unjoni, ta' dawn l-operazzjonijiet ta' ġestjoni forestali setgħet tillimita r-riskji li setgħu jirriżultaw kemm mill-proroga tas-sospensjoni tagħhom u kemm mill-implimentazzjoni tagħhom.

---

61 Direttiva 92/43/KEE.

62 Direttiva 2009/147/KE.

63 Ara, iktar 'il quddiem, dejjem fil-Parti II ta' dan id-dokument, intitolata "Il-proċedura mħaffa", il-punt intitolat "2. Ir-relazzjoni bejn il-proċedura mħaffa fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u l-miżuri provviżorji adottati fi proċeduri għal miżuri provviżorji".

## 1.8. Riskju ta' impunità f'numru kbir ta' kawżi

***Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021 (Awla Manja), Euro Box Promotion et (C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19,** EU:C:2021:1034)*

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Deċiżjoni 2006/928/KE – Mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress li sar mir-Rumanija sabiex tikseb ċerti punti ta' riferiment speċifiċi fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni – Natura u effetti legali – Natura obbligatorja għar-Rumanija – Stat tad-dritt – Indipendenza tal-membri tal-ġudikatura – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Ġlieda kontra l-korruzzjoni – Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni – Artikolu 325(1) TFUE – Konvenzjoni 'PIF' – Proċeduri kriminali – Sentenzi tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) dwar il-legalità tal-produzzjoni ta' ċerti provi u l-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni gravi – Obbligu għall-imħallfin nazzjonali li jagħtu effett sħiħ lid-deċiżjonijiet tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) – Responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn id-deċiżjonijiet – Setgħa li jitħallew mhux applikati deċiżjonijiet tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) li ma jikkonformawx mad-dritt tal-Unjoni – Prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni"*

Fil-Kawżi C-357/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, l-Înalta Curte de Casaţie şi Justiţie (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija, iktar 'il quddiem il-"QGħKĠ") kienet ikkundannat lil diversi persuni, inklużi ex parlamentari u ministri, għal reati ta' frodi tal-VAT, kif ukoll ta' korruzzjoni u ta' xiri ta' influwenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni ta' fondi Ewropej. Il-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) annullat dawn id-deċiżjonijiet minħabba l-kompożizzjoni illegali tal-kulleġġi ġudikanti, minħabba, minn naħa, li l-kawżi li fuqhom il-QGħKĠ kienet iddeċidiet fl-ewwel istanza kellhom jiġu deċiżi permezz ta' kulleġġ speċjalizzat fil-qasam tal-korruzzjoni u, min-naħa l-oħra, li, fil-kawżi li fuqhom il-QGħKĠ kienet iddeċidiet fl-appell, l-imħallfin kollha tal-kulleġġ ġudikanti kellhom jinħatru permezz ta' tlugħ bix-xorti.

Fil-Kawża C-379/19, kienu nbdew proċeduri kriminali quddiem it-Tribunalul Bihor (il-Qorti tal-Kontea ta' Bihor, ir-Rumanija) kontra diversi persuni akkużati b'reati ta' korruzzjoni u ta' xiri ta' influwenza. Fil-kuntest ta' talba għall-esklużjoni ta' provi, dik il-qorti kienet ikkonfrontata bl-applikazzjoni ta' ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li ddikjarat antikostituzzjonali l-ġbir ta' provi fil-qasam kriminali mwettaq bil-parteċipazzjoni tas-servizz Rumen tal-informazzjoni, li kien wassal għall-esklużjoni retroattiva tal-provi kkonċernati mill-proċedura kriminali.

It-tilwimiet fil-kawżi prinċipali kienu jagħmlu parti mill-kontinwazzjoni tar-riforma tal-ġustizzja fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-Rumanija, li kienet diġà s-suġġett ta'

sentenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja [64]. Il-qrati tar-rinviju kellhom dubju dwar jekk l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta minn diversi deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali dwar ir-regoli tal-proċedura kriminali applikabbli fil-qasam tal-frodi u tal-korruzzjoni setgħetx twassal għal ksur tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tad-dispożizzjonijiet ta' dan id-dritt intiżi li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-garanzija tal-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura u l-valur tal-Istat tad-dritt, kif ukoll il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

Il-qrati tar-rinviju fil-Kawżi C-357/19, C-379/19, C-811/19 u C-840/19 talbu l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa għal deċiżjoni preliminari billi sostnew li s-sitwazzjoni tal-persuni suġġetti għal investigazzjoni fil-kuntest tal-proċeduri fil-kawżi prinċipali kienet teħtieġ risposta fi żmien qasir. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-Kawżi C-357/19, C-811/19 u C-840/19, huma sostnew ukoll li l-mogħdija taż-żmien setgħet tikkomprometti l-eventwali eżekuzzjoni tal-piena.

Fir-rigward tal-Kawżi C-357/19 u C-379/19, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma kienx hemm lok li din it-talba tintlaqa'. Madankollu, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li dawn il-kawżi kellhom jiġu ttrattati bi prijorità, b'applikazzjoni tal-Artikolu 53(3) tar-Regoli tal-Proċedura.

Għall-kuntrarju, fir-rigward tal-Kawżi C-811/19 u C-840/19, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja rrileva li dawn il-kawżi tal-aħħar, meta kkunsidrati flimkien mal-Kawżi C-357/19 u C-379/19, kienu juru li kien hemm inċertezza fi ħdan il-qrati Rumeni dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f'numru kbir ta' kawżi li jaqgħu taħt id-dritt kriminali u li fihom kienu inkwistjoni l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni u, għalhekk, riskju ta' impunità. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-istat li fih kienu waslu l-Kawżi C-357/19, C-379/19 u C-547/19, li kienu jqajmu kwistjonijiet simili dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li jissottometti l-Kawżi C-811/19 u C-840/19 għall-proċedura mħaffa.

[64] Sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociaţia "Forumul Judecătorilor din România" *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393).

## 2. Ir-relazzjoni bejn il-proċedura mħaffa fil-kuntest ta’ rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu u l-miżuri provviżorji adottati fi proċeduri għal miżuri provviżorji

***Digriet tal-11 ta’ Ottubru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-441/17, EU:C:2017:794)***

*“Proċedura mħaffa”*

Kif issemma iktar ’il fuq [65], il-Kummissjoni kienet ippreżentat rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu kontra r-Repubblika tal-Polonja, intiż li jiġi kkonstatat li din tal-aħħar kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva dwar il-habitats u taħt id-Direttiva dwar l-għasafar. F’dan il-kuntest, il-Kummissjoni ressqet talba għal miżuri provviżorji, taħt l-Artikolu 279 TFUE u taħt l-Artikolu 160(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, bil-għan li jiġu ordnati miżuri provviżorji fl-istennija tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-mertu.

Il-Kummissjoni talbet ukoll, taħt l-Artikolu 160(7) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li dawn il-miżuri provviżorji jiġu ordnati saħansitra qabel ma r-Repubblika tal-Polonja tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, u dan minħabba r-riskju ta’ ħsara serja u irreparabbli għall-habitats u għall-integrità tas-sit Natura 2000 Puszcza Białowieska. Il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa’ din it-talba u ordna lir-Repubblika tal-Polonja tissospendi, ħlief fil-każ ta’ theddida għas-sigurtà pubblika, l-eżekuzzjoni tal-operazzjonijiet ta’ ġestjoni forestali inkwistjoni, sal-għoti tad-digriet li jagħlaq il-proċedura għal miżuri provviżorji (digriet tas-27 ta’ Lulju 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-441/17 R, EU:C:2017:622).

Fir-rigward tar-relazzjoni bejn it-talba għal miżuri provviżorji u l-proċedura mħaffa, applikata *ex officio* mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan tal-aħħar indika li, għalkemm kien minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet għadha adita bit-talba għal miżuri provviżorji, xorta waħda baqa’ l-fatt li s-suġġett u l-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tagħha u dawk tal-proċedura mħaffa ma kinux identiċi. Issa, f’dan il-każ, kien jidher, bla ħsara għad-digriet li jagħlaq il-proċedura għal miżuri provviżorji, li l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa kienet iġġustifikata min-natura ta’ din il-kawża (għar-raġunijiet esposti, iktar ’il fuq, fil-punt “1.7 Riskju ta’ ħsara ambjentali gravi”).

65 Ara, iktar ’il fuq, dejjem fil-Parti II ta’ dan id-dokument, intitolata “Il-proċedura mħaffa”, il-punt intitolat “1.7 Ir-riskju ta’ ħsara ambjentali gravi”.

***Digriet tal-15 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-619/18, EU:C:2018:910)***

*"Proċedura mħaffa"*

Kif issemma iktar 'il fuq [66], il-Kummissjoni kienet ippreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika tal-Polonja intiż li jiġi kkonstatat li, bl-adozzjoni reċenti tal-Liġi dwar is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), din tal-aħħar kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u taħt l-Artikolu 47 tal-Karta. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ressqet talba għal miżuri provviżorji fuq il-bażi tal-Artikolu 279 TFUE u tal-Artikolu 160(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, bil-għan li jiġu ordnati miżuri provviżorji fl-istennija tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-mertu.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet, taħt l-Artikolu 160(7) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li dawn il-miżuri provviżorji jiġu ordnati saħansitra qabel ma r-Repubblika tal-Polonja tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, u dan minħabba r-riskju immedjat ta' ħsara gravi u irreparabbli fir-rigward tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Il-Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet din it-talba. B'hekk, hija ordnat lir-Repubblika tal-Polonja, immedjatament u sal-għoti tad-digriet li jagħlaq il-proċedura għal miżuri provviżorji, l-ewwel nett, tissospendi l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema); it-tieni nett, tieħu kull miżura meħtieġa sabiex tiżgura li l-Imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) ikkonċernati mill-imsemmija liġi jkunu jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom fl-istess pożizzjoni, filwaqt li jgawdu mill-istess status u mill-istess drittijiet u kundizzjonijiet tal-impjieg li kellhom fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi; it-tielet nett, tastjeni milli tieħu kull miżura ta' ħatra ta' Mħallfin fis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema), kif ukoll kull miżura intiża li taħtar l-ewwel president il-ġdid ta' din il-qorti jew li tindika l-persuna responsabbli sabiex tmexxi l-imsemmija qorti minflok l-ewwel president tagħha; ir-raba' nett, tikkomunika lill-Kummissjoni, kull xahar, il-miżuri kollha adottati sabiex tikkonforma ruħha ma' dan id-digriet (digriet tad-19 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-619/18 R, EU:C:2018:852).

Fir-rigward tar-relazzjoni bejn it-talba għal miżuri provviżorji u t-talba għal proċedura mħaffa, applikata *ex officio* mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan tal-aħħar ikkonstata li għalkemm kien minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet għadha adita bit-talba għal miżuri provviżorji, il-Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet adottat il-miżuri provviżorji mitluba mill-Kummissjoni, li kienu jipproduċu l-effetti tagħhom sal-għoti tad-digriet li jagħlaq il-proċedura għal miżuri provviżorji. Għaldaqstant, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja indika li fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja żżomm, fid-digriet li kellu jingħata, il-miżuri provviżorji adottati fl-istennija ta' dan id-digriet, ir-Repubblika tal-Polonja stess kien ikollha kull interess li l-proċedura fil-mertu f'din il-kawża tingħalaq fl-iqsar żmien

[66] Ara, iktar 'il fuq, dejjem fil-Parti II ta' dan id-dokument, intitolata "Il-proċedura mħaffa", il-punt intitolat "1.2 Il-gravità partikolari tal-inċertezza legali li tkun is-suġġett tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari".

possibbli, sabiex jintemmu l-imsemmija miżuri u sabiex il-kwistjonijiet imqajma minn din il-kawża jiġu deċiżi b'mod definittiv. Barra minn hekk, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja enfasizza li, fi kwalunkwe każ, is-suġġett u l-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tat-talba għal miżuri provviżorji u dawk tal-proċedura mħaffa ma kinux identiċi. Issa, f'dan il-każ, kien jidher, bla ħsara għad-deċiżjonijiet meħuda fid-digriet li jagħlaq il-proċedura għal miżuri provviżorji, li l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa kienet iġġustifikata min-natura ta' din il-kawża (għar-raġunijiet esposti, iktar 'il fuq, fil-punt "1.2 Gravità partikolari tal-inċertezza legali li tkun is-suġġett tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari").

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Direttorat tar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni

Settembru 2024